# IT-TAGĦLIM TAL-BIBBJA FUQ L-AĦĦAR ĦWEJJEĠ

Minn
George Ebejer

# IT-TAGĦLIM TAL-BIBBJA FUQ L-AĦĦAR ĦWEJJEĠ

Dan is-suġġett huwa suġġett importanti ħafna, u aħna, bħala Kristjani, għandna nkunu nafu sewwa dwar dak li tassew igħid l-Ispirtu s-Santu fil-Kotba Mqaddsa dwar dan is-suġġett. Huwa suġġett li ħafna jużawh, f'mod żbaljat għal kollox, biex jippruvaw it-tagħlim falz tagħhom dwar "l-aħħar jiem." L-iżbalji li huma mgħallma minn dawn l-għalliema u profeti foloz huma bla għadd. Għalhekk, huwa diffiċli li nittratta dwarhom kollha f'dan l-istudju. Iżda għandu jkun ta' għajnuna, li nipprovdi lista fuq fuq tal-veduta premill-enjali u rifjutazzjoni fil-qosor tagħha, u mbagħad spje-gazzjoni ta' xi wħud mill-Iskritturi bażiċi li dawk li jkunu jixtiequ jiddiskutuhom ma' oħrajn għandhom jistudjawhom u jifhmuhom.

Waħda mill-veduti foloz hija msejħa fil-lingwa Ingliża, "*Dispensational Premillenialism*" u għalhekk, jiena se nsejjaħ dan it-tagħlim bħala, "Premillenjaliż-mu Dispensazzjonali." It-tifsir ta' taħt jiddeskrivi din il-veduta fil-qosor. L-istqarrijiet fil-parentesi jippreże-ntaw il-veduta Biblika fuq kull wieħed minn dawn il-punti. L-ispjegazzjonijiet tas-siltiet li jsegwu dan it-tifsir għandhom juru kif il-veduta tagħna hija appoġ-jata mill-interpretazzjoni korretta ta' dawn is-siltiet.

1. *Veduta Premillenjali*: ***Sinjali tat-Tmiem***—Mattew 24:4-24 jagħtu lista ta' sinjali bħal theżhiż, ġuħ, pe-sta, xnigħat ta' gwerer, persekuzzjoni tal-Kristjani, it-tifrix tal-Kristjaneżmu u oħrajn li permezz tagħ-hom wieħed ikun jista' jbassar meta ġej it-tmiem tad-dinja.

[*Rifjutazzjoni tal-Veduta Premillenjali*: Huwa interessanti li għal mijiet ta' snin, partikolarment sa minn nofs is-sena 1800, din is-silta kienet użata minn xi wħud biex tbassar li "t-tmiem tad-dinja" kellu jiġi fi żmien qasir. Kull darba li kienet tqum xi gwerra jew ikun hemm xi terremot jew persekuzzjo-ni tal-Kristjani, dawk l-għalliema foloz kienu jgħidu li dawn kienu sinjali u twettiq ta' Mattew 24, għal-hekk, kien sinjal lit-tmiem kien imminenti. Kif kull wieħed minn dawn il-profeti, iżda, kien muri li kien falz, huwa jew xi ħadd ieħor kienu jmexxu d-data għal aktar lura. Il-verità tal-ħaġa hija li din is-sezz-joni ta' Mattew 24 ma hija qed titkellem xejn dwar it-tmiem tad-dinja. Aħseb ftit dwarek innifsek u ara jekk qatt xi ħadd qallek li wasal it-tmiem għaliex kien hemm xi gwerra jew xi terremot f'xi pajjiżi jew xi eklissi u ħwejjeġ oħra bħal dawn? Jiena ċert li kull wieħed kellu din l-esperjenza! Imma tkun sfor-tuna kbira għal dawk li jemmnu dak it-tagħlim falz għaliex ikunu qegħdin jaċċettaw it-tagħlim tal-bned-min u mhux ta' Alla u dan ikun ifisser kundanna fuqhom!

Kif Ġesù jibda d-diskors Tiegħu fuq il-waqa' ta' Ġerusalem, *ġrajja li kellha tiġri matul il-ħajja tal-ġenerazzjoni li lilha Ġesù kien qiegħed ikellem* (Mattew 24:34), Hu kien qiegħed iwissi lil dawk f'Ġerusalem biex ma jkunux ingannati f'li jaħsbu li kull darba li huma jisimgħu dwar gwerra jew terremot jew persekuzzjoni lit-tbassira Tiegħu dwar il-waqa' ta' Ġerusalem hija immedjatament fuqhom. Pjuttost, is-sinjal reali li bih huma jkunu jafu li was-

al il-ħin li jitilqgħu mill-belt huwa "*meta taraw 'il Ġerusalem imdawra bl-armati*," twettiq "*ta' l-għajb tal-ħerba*" ta' Danjel (Mattew 24:15; Luqa 21:20). Għalhekk, mhux biss din is-silta *mhix* dwar it-tmiem tad-dinja, imma hija lista ta' ġrajjiet li Ġesù jgħid li *lanqas saħansitra ma għandhom ikunu meħuda bħala sinjali* tal-ġrajjiet li dwarhom Hu qiegħed jitkellem—il-waqa' ta' Ġerusalem.]

2. *Veduta Premillenjali*: ***Ir-Rapiment***—dan huwa mument fiż-żmien meta l-Kristjani ħajjin kollha jkunu ittrasformati u l-Kristjani mejta kollha jkunu mqajma u dawn, flimkien, ikunu maħtufa fl-ajru biex ikunu ma' Ġesù għall-perjodu ta' seba' snin. Matul dawn is-seba' snin, huma jkunu fiż-żgur fis-smewwiet waqt li ġrajjiet terribbli jkunu qed isiru fid-dinja. Fit-tmiem tas-seba' snin, Ġesù jiġi lura fid-dinja ma' dawk "maħtufa," ixejjen il-battalja ta' Armageddon, u jwaqqaf il-kwartieri ġenerali tas-saltna Tiegħu tad-dinja f'Ġerusalem.

   *[Rifjutazzjoni tal-Veduta Premillenjali*: Il-Bibbja ***qatt*** ma tuża l-kelma "rapiment" u, fil-fatt, ***qatt*** ma tgħid li l-Kristjani se jmorru fis-smewwiet għal seba' snin biss biex jiġu lura lejn id-dinja għal elf sena. Veduta żbaljata bħal din hija meħuda minn għarfien ħażin ta' bosta siltiet tal-Bibbja li sejjer nispjegahom, partikolarment minn 1 Tessalonikin 4: 13-17 u 1 Korintin 15:50-53. Veduta bħal din tikko-ntradixxi bosta stqarrijiet ċari fl-Iskrittura Mqaddsa.

(1) Is-silta minn 1 Korintin 15:22-26 tgħid li meta Ġesù jiġi lura Hu jqajjem lil dawk li huma ta' Kristu, madankollu, din il-veduta għandha lil Kristu jqajjem lil dawk li huma Tiegħu seba' snin *qabel* ir-ritorn Tiegħu.

(2) Ġwanni 6:40, 44, u 54 jgħidu li l-ġusti jkunu mqajmin "*fl-aħħar jum,*" *u mhux* seba' snin qabel ir-ritorn ta' Kristu u elf u seba' snin qabel it-tmiem taż-żmien. Isma' xi jgħid il-Mulej:

> "*U din hi r-rieda ta' dak li bagħatni, li kull min jara l-Iben, u jemmen fih, ikollu l-ħajja ta' dejjem: u jien inqajmu* ***fl-aħħar jum****... Ħadd ma jista' jiġi għandi, jekk Missieri li bagħatni ma jiġbdux: u jien inqajmu* ***fl-aħħar jum****... Min jiekol ġismi, u jixrob demmi, għandu l-ħajja ta' dejjem; u jien inqajmu* ***fl-aħħar jum****.*"

(3) Ġwanni 12:48 igħid li dawk li jirriġettaw lil Ġesù jkunu iġġudikati "***fl-aħħar jum***," *l-istess jum* li fih Ġwanni 6:20 jgħid li *l-ġusti* jkunu mqajma. Għal darb'oħra dan ma jaqbilx mal-veduta "tar-rapiment" li tgħid li l-Kristjani jkunu mqajma elf u seba' snin qabel mal-ħziena jkunu iġġudikati. Aħna għandna nħallu l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u mhux lill-millenjalisti!

(4) Ġwanni 5:28-29 u skritturi oħra, igħidu li l-ġusti u l-ħżiena jkunu *t-tnejn imqajma fl-istess waqt*, mhux, kif tissuġġerixxi l-veduta premillenjali, f'serje ta' tliet reżurrezzjonijiet mifruxa fuq ak-

tar minn elf sena. Isma' lill-Mulej x'għandu xi jgħid dwar dan:

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li dawk kollha li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb,* ***(il-ġusti)****, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen* ***(il-ħżiena)****, għall-qawmien tal-kundanna*" (enfasi tiegħi).

Kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena se jqumu **flimkien** skond il-Mulej! Temmnu dan int?]

3. *Veduta Premillenjali*: Fiż-żmien tar-rapiment, skond veduta komuni premillenjali, żewġ antikristi jiffir-maw patt biex jibnu mill-ġdid it-tempju Lhudi f'Ġe-rusalem u wara li dan ikun mibni, hemm tinbeda l-ġlieda terribbli fl-art ta' Iżrael, tinvovli tliet mitt miljun suldat mill-Ewropa, Russja, Ċina, u partijiet oħra tad-dinja. Din il-Battalja ta' Armageddon tkun iċċentrata fil-wied qrib Megiddo u matulha, Kristu jirritorna u jwaqqaf is-saltna Tiegħu fuq l-art.

   *[Rifjutazzjoni tal-Veduta Premillenjali*:

   (1) F'erba' siltiet biss fil-Bibbja kollha jidher it-terminu "antikrist" (ara l-istudju li jġib dan it-titlu): 1 Ġwanni 2:18, 22; 1 Ġwanni 4:3; u 2 Ġwanni 7. F'dawn *kollha* Ġwanni qiegħed jiddiskuti l-għalliema spiritwali foloz li jiċħdu li Ġesù ġie fil-ġisem. Kien hemm ħafna għalliema bħal dawn u Ġwanni jgħid li dawk l-għalliema ***diġa*** *kienu jeżistu fiż-żmien tiegħu*. Il-Bibbja

*qatt* ma titkellem dwar mexxej politiku "antikrist" li għandu jgħaddas lid-dinja fi gwerra terribbli sewwasew qabel it-tieni miġja ta' Kristu. Ukoll tajjeb li ngħid li fil-Ktieb ta' Rivelazzjoni l-kel-ma "antikrist" ma tinstab imkien!

(2) Tbassir ibbażat fuq Eżekjel u Żakkarija li Alla se jibni mill-ġdid it-tempju Lhudi u jwaqqaf mill-ġdid is-sagrifiċċji ta' l-annimali tal-Patt il-Qadim jifhmu ħażin kemm is-siltiet li fuqhom huma ibbażati u l-lingwa qawwija tal-Kotba ta' Lhud u Galatin. It-tbassir tal-bini mill-ġdid tat-tempju kien magħmul waqt li l-Lhud kienu fl-eżilju f'Babel u t-tempju tagħhom kien imġarraf. Dawn il-profeti, spiss f'lingwa figurattiva u poetika, kienu qegħdin iħeġġu lil dawn il-Lhud billi jgħidulhom li Alla kien se jreġġagħhom lura għal l-art tagħhom u jħallihom jibnu mill-ġdid it-tempju tagħhom. Dawn il-profeziji kienu ***kol-lha mwettqa*** fil-perjodu li ġie wara l-jasar ta' Babel. Il-Ktieb ta' Lhud jagħmilha ċara lis-saċe-rdozju ta' Arun, li taħtu kellhom ikunu offruti s-sagrifiċċji tal-Patt il-Qadim, *kien spiċċa*. Lhud 4:11-25 igħid li Ġesù ma setax ikun qassis skond l-ordni ta' Arun għaliex ma kienx mit-tri-bù ta' Levi u għalhekk Hu kien qassis skond l-ordni ta' Melkisedek. It-tnejn, is-saċerdozju ta' Arun u l-liġi li tagħha kien parti kienu mneħħija biex b'hekk tiġi xi ħaġa aħjar, taħt Kristu. Sawl, sultan imma mhux mit-tribù ta' Levi, offra s-sagrifiċċji tal-Patt il-Qadim u

kien imċanfar se-verament għal dan għaliex hu ma kienx ikkwa-lifikat. Mela, jekk is-saċerdozju ta' Arun kien imneħħi, min jista' possibbilment joffri s-sagri-fiċċji ta' dak il-patt bl-approvazzjoni ta' Alla? Kristu ma setax u sultan ta' Iżrael ma setax. Min jista? Li sagrifiċċji tal-Patt il-Qadim bħal dawn jistgħu jerġgħu jkunu offruti mill-ġdid, ukoll jekk għal skop differenti, huwa għal kol-lox kuntrarju għat-tagħlim ta' l-ittra lil-Lhud u għall-messaġġ ta' l-ittra lill-Galatin fejn l-appos-tlu Pawlu ġġieled tant iebes kontra dawk li fitt-xew li jżommu b'id waħda ma' Kristu u bl-id l-oħra mal-Liġi ta' Mosè. Sfortunatament, illum huma ħafna dawk li qegħdin jagħmlu l-istess!

(3) It-tbassir dwar il-gwerra terribbli sewwasew qa-bel it-tmiem tad-dinja huwa, xorta waħda, ibba-żat fuq għarfien ħażin ta' siltiet mill-Bibbja, par-tikolarment f'Danjel u f'Rivelazzjoni. Waqt li mhuwiex l-iskop ta' dan l-istudju li jittratta ma' dawn is-siltiet fid-dettall, Danjel kapitli 11 u 12 kellhom riferenzi primarji għall-ġrajjiet li ġraw matul l-erba' mitt sena qabel il-miġja ta' Kristu, jgħidu dwar gwerer bejn mexxejja ta' l-Eġittu u s-Sirja fuq l-art tal-Palestina. Dawn kienu ***mwe-ttqa*** f'dettall ta' l-għaġeb f'dak iż-żmien u ma jirriferixxux għall-gwerer sewwasew qabel it-tmiem tad-dinja. L-unika riferenza fil-Bibbja għal "Armagedon" (jew Ħarmagedon) tinsab f'Rivelazzjoni 16:16 fejn id-dragun (Satana) u ż-żewġ bhejjem jintqal li

jibagħtu żrinġijiet minn ħalqhom biex jiġbru s-slaten tad-dinja fli-mkien f'Armagedon. Dan ir-rakkont wisq sim-boliku jinsab f'nofs ta' l-istorja li Alla jeqred l-għodda ta' Satana, l-Imperu Ruman, li Satana kien qiegħed juża biex jippersegwità l-knisja u jeqridha mill-eżistenza matul is-snin tal-bidu ta-għha. Kapitlu 16 igħid dwar it-tferrigħ tal-korla ta' Alla fuq il-bhima (l-Imperu Ruman) u s-seg-waċi tagħha, partikolarment dawk involuti fil-qima lil l-imperatur (it-tieni bhima). Kif dawn jaraw li l-pjan tagħhom biex jeqirdu l-knisja bil-persekuzzjoni kien wasal biex ifalli u l-Imperu Ruman kien riesaq għal telfa, huma jsejħu lis-slaten li kienu jaqgħu taħthom biex jagħmlu konfront finali, simbolikament ippreżentati billi jsejħilhom għall-post fejn ħafna battalji strate-ġiċi li naqraw dwarhom fil-Bibbja kienu saru, il-wied ta' Megiddo. Din is-silta *m'għandha ebda riferenza għat-tmiem tad-dinja*, wisq inqas għall-battalja kbira li tinvolvi fiha tlett mitt mil-jun suldat fi u qrib il-wied żgħir ta' Megiddo.

(4) L-aktar żball bażiku tal-premillenjaliżmu huwa l-fehma żbaljata tiegħu dwar in-natura tas-saltna ta' Kristu. Dawn igħallmu li fl-ewwel miġja Tiegħu, Kristu, kellu l-ħsieb li jwaqqaf saltna tad-dinja imma falla li jagħmel dan meta l-Lhud irriġettawh. Dan it-tagħlim huwa falz minn tliet punti di vista.

*L-ewwel*, Ġesù ma falliex milli jagħmel dak li ġie biex jagħmel. L-għajta Tiegħu fuq is-salib

“***kollox hu mitmum***” (Ġwanni 19:30), kienet it-testimonjanza Tiegħu li Hu għamel *dak kollu li ġie biex jagħmel*. Ġesù għamel stqarrija aktar kompluta dwar dan il-punt f’Luqa 24:44-46, fejn naqraw,

> “*U qalilhom: Dawn huma l-kelmiet li għidtilkom, meta kont għadni magħkom, li jaħtieġ li jseħħu l-ħwejjeġ kollha, li nkitbu fil-liġi ta’ Mosè, u fil-profeti, u fis-salmi, fuqi. Imbagħad fetħilhom moħħhom, biex jifhmu l-iskrittura. U qalilhom: Hekk hu miktub, u hekk kien jinħtieġ illi Kristu jbati, u li jqum mill-imwiet fit-tielet jum.*”

*It-tieni*, il-profeziji tat-Testment il-Qadim ma bassrux saltna fiżika. Waqt li ħafna minn dawn jużaw lingwa figurattiva li tista’ tinstema’ bħala deskrizzjoni ta’ saltna fiżika, dawn wieħed għandu jifhimhom fid-dawl tat-tagħlim ta’ Kristu dwar in-natura tas-saltna li Hu kien se jwaqqaf, bħal per eżempju:

> “*Is-saltna tiegħi mhix ta’ did-dinja: kieku ta’ did-dinja kienet is-saltna tiegħi, il-qaddejja tiegħi kienu jissieltu, biex ma ningħatax f’idejn il-Lhud: imma issa s-saltna tiegħi* ***mhix ta’ hawn***” *(Ġwanni 18: 36).*

> “*Is-saltna ta’ Alla hi ġo nofskom*” (Luqa 17: 21).

> "*Hemm xi wħud minnkom milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ta' Alla ġej-ja bil-qawwa*" (Mark 9: 1).

Billi l-frażi "mhix ta' did-dinja" fil-Grieg hija "mhix ta' dan iż-żmien" xi wħud, biex jippruvaw jiġġustifikaw it-tagħlim żbaljat tagħhom, jgħidu li dan ifisser lid-dinja mhix se tispiċċa. Imma l-Ispirtu s-Santu, billi kien jaf minn qabel xi kwalità ta' tagħlim falz kien se jkun hawn, ikkwota l-kliem tal-Mulej kollu fejn fl-aħħar parti tiegħu Ġesù qal lis-saltna tiegħu "**Mhix ta' hawn**" imma l-premillenjalisti, għalkemm il-Mulej iċċara l-kliem bl-aktar mod ċar, il-millenjalisti u dawk kollha li jaqblu magħhom xorta baqgħu u għadhom igħidu li hi "*ta' hawn*" ta' did-dinja! Ma' min taqbel int?

*It-tielet*, kieku Ġesù ġie biex ikun sultan tad-dinja, il-Lhud ma kinux jirriġettawh. Fil-fatt, Ġwanni 6:15 jirrakkonta li meta Ġesù tema' 'l ħamest elef ruħ, Hu għaraf lin-nies kienu ġejjin jaqbduh "*biex jagħmluh sultan,*" u Hu warrab. Li jkun sultan b'dan il-mod ma kienx il-ħsieb Tiegħu. Ix-xogħol ta' Ġesù kien li jirrikonċilja l-midinbin għal Alla biex b'hekk huma jkunu jistgħu jgħixu Miegħu għal dejjem; li jkun sultan fuq l-art u jsaltan fuq ħwejjeġ fiżiċi u materjali tal-bnedmin m'għandu ebda lok f'dan ix-xogħol bil-wisq aktar importanti. Għalhekk, tajjeb in-fakkar hawn, dak li qal il-Mulej fejn qal lill-Fariżej u l-kittieba tal-Lhud:

“*Alla jgħid...imma intom tgħidu*” (Mattew 15:4-5).

Illum aħna ninsabu fl-istess sitwazzjoni fejn Alla jgħid u l-Premillenjalisti jgħidu. It-tagħlim falz tal-Fariżej u l-kittieba kien emmnut fi żmien Kristu kif huwa emmnut illum it-tagħlim falz tal-premillenjalisti!

Issa għal spjega ta’ xi wħud mis-siltiet li huma ta’ importanza kbira f’li niddiskutu l-veduta falza pre-millenjali.

1. *Mattew 24*. Wieħed mill-aktar kapitli li ta’ spiss huma ikkwotati f’rigward it-tmiem tad-dinja huwa kapitlu 24 ta’ Mattew fejn jinsabu frażijiet familjari bħal “gwerer u xnigħat ta’ gwerer,” “theżhiż,” “pesta,” u “ġuħ.” Dawn spiss huma mogħtija bħala *sinjali* li bihom wieħed jista’ jgħid *meta* hu riesaq it-tmiem tad-dinja u dawk id-denominazzjonijiet li jie-ħdu t-tbassir, jew b’mod speċifiku jew ġenerali (din il-ġenerazzjoni jew nisel) normalment jinkludu Mat-tew 24 fost is-siltiet li fuqhom huma ibbażati stqar-rijiet bħal dawn. Analiżi ta’ dan il-kapitlu għandha turi li dan jista’ jkun maqsum f’għaxar sezzjonijiet kif ġej:

   i. ***L-okkażjoni*** (Mattew 23:9—24:2) li tinkludi, mill-kapitlu ta’ qabel, il-kundanna ta’ Ġesù ta’ l-ipokresija ta’ l-iskribi u l-Fariżej li fiha l-ist-qarrija li l-ħlas jew tpattija tad-demm tal-profeti maqtula kollha jiġi fuq il-ġenerazzjoni li toqtol lil l-Iben ta’ Alla. Ukoll parti mill-okkażjoni tiġi

mix-xewqa tad-dixxipli biex juru t-tempju lil Ġesù fejn Ġesù wieġeb: "*Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx*" (Mattew 24:2).

*ii.* ***Il-missjoni*** (Mattew 24:3) li f'Mattew għandha tliet partijiet imma fir-rakkont ta' Mark 13 u Lu-qa 21 il-mistoqsija għandha biss żewġ partijiet. Jekk aħna nħallu r-rakkonti parallelli jinterpre-tawlna l-mistoqsija, allura d-dixxipli staqsew, "*Għidilna meta jiġru dawn il-ħwejjeġ? U x'ikun is-sinjal meta dawn il-ħwejjeġ kollha jseħħu?*" (Mark 13:4). Ukoll għalkemm Mattew isemmi "t-tmiem tad-dinja," aktarx li l-appostli wżaw frażjoloġija bħal din fil-kuntest tal-mistoqsija kif magħmula f'Mark u f'Luqa billi huma ċerta-ment li kienu ħasbu dwar il-qirda tat-tempju f'termini bħal dawn. Ġesù aktar tard fil-kapitlu, ikompli jiddiskuti t-tmiem tad-dinja, imma *vers 34* igħid ċar li dak kollu li ntqal *qabel* dan il-vers għandu jiġri *qabel ma dak in-nisel jew ġe-nerazzjoni jgħaddi*. Sfortunatament hawn ukoll il-kliem ta' Ġesù ġie mbabas mill-għalliema fo-loz moderni billi minflok il-kelma nisel jew ġe-nerazzjoni (*genea*), huma jużaw il-kelma *razza* biex iwasslu t-tagħlim falz tagħhom fejn igħidu li Ġesù għamel riferenza *għar-razza* Lhudija. Imma huwa faċli ħafna biex wieħed ikun jaf eżatt x'qal Ġesù. Meta wieħed jaqra l-kliem ta' Ġesù dan għandu jsib bla ebda diffikultà li Ġesù qal *nisel* u mhux *razza*, u aħna lil Ġesù nemmnu u mhux lil l-għalliema u l-profeti foloz tal-lum! Wieħed jista' jaqra siltiet

mill-Iskrittura biex jif-hem aktar dak li qal Ġesù, bħal, Mattew 11:16; 12:41-42, 45; 16:4; 17-17; 23:36 fejn Ġesù uża l-istess kelma, *nisel*, u mhux *razza*. Għalhekk, dak kollu qabel dan il-vers (vers 34) jiddeskrivi *l-qirda ta' Ġerusalem*, tweġiba diretta għall-mistoqsija li għamlu l-appostli. (Ara minn paġna 44.)

iii. ***Is-sinjali li jqarrqu u preliminari*** (Mattew 24: 4-14) huma mniżżla kif Ġesù jfittex biex iwieġeb il-mistoqsija dwar *meta* t-tempju jkun meqrud. Il-lista mogħtija hawn *mhijiex* lista ta' sinjali ta' meta jiġi t-tmiem tad-dinja; lanqas *ma hi* saħansitra lista ta' sinjali għall-qirda tat-tempju jew ta' Ġerusalem. Pjuttost hija lista ta' ħwejjeġ lis-segwaċi ta' Kristu għandhom iħalluhom isiru u jgħaddu bħala li *mhumiex* sinjali immedjati tal-qirda li kienet ġejja. Ġesù jgħid dwar dawn is-sinjali li d-dixxipli m'għandhomx ikunu *ngannati* jew *imqarrqin b'dawn* (Mattew 24:24) u ma jkunx sakemm wara ma ħwejjeġ bħal dawn jiġru lit-tmiem (il-qirda ta' Ġerusalem) jiġi. Trid tassew tkun prużuntuż biex tbiddel il-kliem u s-sens li l-Mulej qal u li ried ifisser hawn!

iv. ***Is-sinjal reali*** (Mattew 24:15) li jkun twissija li l-qirda ta' Ġerusalem hija qrib ikun il-wasla ta' *l-għajb u l-ħerba* lir-rakkont ta' Luqa jgħid li huwa "*meta Ġerusalem tkun imdawra bl-armati*" (Luqa 21:20).

v. ***X'tagħmel meta jiġi s-sinjal reali*** (Mattew 24: 16-20). Dawk li jaraw l-armati ġejjin

għandhom *jaħarbu malajr*, mhux jittardjaw, ukoll m'għand-homx jaħlu ħin biex jidħlu ġewwa d-dar ħalli jieħdu xi ħaġa (vers 17). Huwa msemmi li l-ħarba tkun aktar iebsa għal dawk bi tfal żgħar jew jekk ikun fix-xitwa jew fis-Sibt (meta l-bibien tal-belt ikunu magħluqa). X'ikun l-iskop li ma taħlix ħin biex tidħol ġewwa d-dar ħalli tieħu xi ħaġa meta Kristu jerġa' jiġi? *Ċirkustan-zi bħal dawn, naturalment, m'għandhom ebda applikazzjoni għat-tmiem tad-dinja għaliex ma jista' jkun hemm ebda ħarba minn dak*!

*vi.* ***In-natura tal-ġrajja li kienet ġejja*** (Mattew 24:21-28) hija mfissra bħala waħda ta' tbatija kbira u meta dawk li jingannaw jippruvaw jagħtu tama falza lil ħafna. Ukoll, ħwejjeġ bħal dawn huma *deskrizzjoni perfetta ta' l-assedju traġiku ta' Ġerusalem* imma *ma japplikawx* għat-tmiem tad-dinja għaliex din il-ġrajja tkun f'daqqa waħda u ħadd ma jkun ingannat dwarha meta din tiġri. Imma sfortunatament, illum ħaf-na nies sinċiera qegħdin ikunu ingannati b'tagħ-lim falz li japplika dawn il-ġrajjiet għat-tieni miġja ta' Kristu!

*vii.* ***Ġrajjiet impressjonanti li għandhom isegwu immedjatament*** (Mattew 24:29-31) huma issu-ġġeriti f'termini figurattivi li ta' spiss huma app-likati għall-waqa' ta' nazzjon (ara Isaija 13:10; 34:4-5; Eżekjel 32:7-8). Ukoll is-sentenza "bin il-bniedem ġej fis-sħab tas-sema"

jista' jkollha t-tifsira li Hu kien l-aġent li ġab din il-qirda u, f'mod mhux personali, kien ġej fuq is-sħab biex iwettaq din il-profezija. Mattew 16:28, Danjel 7:13, Mattew 26:64, u Rivelazzjoni 1:7 kollha jitkellmu dwar miġjiet bħal dawn ta' Kristu. Kien ukoll wara l-qirda ta' Ġerusalem li Kristu kien jista' jibgħat b'mod aktar effettiv lill-mes-saġġiera Tiegħu fil-partijiet kollha tad-dinja biex jippriedkaw lill-ġnus kollha billi l-qirda ta' Ġer-usalem ġabet fit-tmiem darba għal dejjem kull relazzjoni speċjali bejn Alla u l-Lhud.

viii. ***"F'dan in-nisel (jew ġenerazzjoni)*** (Mattew 24:32-35) *jissuġġerixxi li dak kollu qabel dan il-vers japplika għall-qirda ta' Ġerusalem u l-kon-segwenzi tagħha* (ara l-istudju dwar din il-frażi minn paġna 44).

*ix.* ***Dwar dak il-jum u siegħa*"** (Mattew 24:36-40) hija bidla ċara ta' ħsieb. Issa, Ġesù qiegħed idur *mill-qirda ta' Ġerusalem għal diskussjoni dwar it-tmiem tad-dinja*. Innota *l-kuntrast* komplut. Hu qalilhom *meta* kellha tkun il-qirda ta' Ġeru-salem imma "*dwar dak il-jum u s-siegħa*" ***ħadd ma jaf ħlief** Alla waħdu*. Ġesù tahom *is-sinjal* tal-qirda ta' Ġerusalem, imma "*dwar dak il-jum u s-siegħa*" ma jkun hemm *ebda sinjal* biex iwi-ssi, l-istess kif ma kien hemm ebda sinjal biex iwissi dwar il-wasla tad-dilluvju fiż-żmien ta' Noè. Mela, ara d-differenza bejn dak li jgħid

Ġesù u dak li jgħidu l-għalliema u l-profeti foloz moderni: Ġesù jgħid,

> "*Dwar dak il-jum u s-siegħa* ***ħadd ma jaf*** *meta se jaslu, anqas l-anġli tas-sema,* ***u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier waħdu***." (Mattew 24:36).

Dan il-kliem qalu l-Mulej. Imma l-għalliema u l-profeti foloz tal-lum igħidu l-kontra. Huma jgħidu lit-tmiem huwa imminenti, (fejn jafuh dan?) u xi wħud sa jaslu biex jiffissaw data fejn igħidu lis-sena elfejn hija s-sena tat-tmiem. Lil min għandna nemmnu aħna? It-tmiem jista' jkun, iva, fis-sena elfejn, imma mhux għaliex hekk tgħid il-Kelma ta' Alla, jista' jkun issa, waqt li jiena qiegħed nipprepara dan l-istudju (18/12/99), jista' jkun ġimgħa oħra minn issa, jista' jkun sena oħra u jista' jkun eluf ta' snin oħra, imma li xi ħadd jiffissa xi data jew li jgħid li hemm sinjali li juru li wasal it-tmiem, (kif ħafna ilhom jagħmlu għal snin sħaħ) dan ikun qiegħed imur direttament kontra l-Kelma ta' Alla, u kontra l-kliem tal-Mulej, għaliex "**ħadd ħlief il-Missier waħdu**" ma jaf meta, igħid il-Mulej tagħna, la l-anġli *u anqas l-Iben*!" Kemm diġa' għadda żmien minn mindu bdiet is-sena elfejn sa dan il-ħin li inti qiegħed taqra dan l-istudju? Mela "*tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ*" igħidilna l-Ispirtu s-Santu f'Efesin 5:6 għaliex ma jkun hemm *ebda sinjal* biex

iwissi dwar it-tmiem tad-dinja. Ġesù ħeġġiġhom biex *jaħarbu* mill-qirda ta' Ġerusalem, **imma** "*dwar dak il-jum u siegħa*" ma jkun hemm *ebda ħarba* għax għal tnejn li jkunu qrib xulxin fil-għalqa jew fil-mitħna, wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla (wieħed isalva u l-ieħor jintilef). Fir-rak-kont ta' Luqa l-ġrajja mfissra bħala "*dak il-jum*" jintqal li tiġi, mhux fuq belt waħda, imma "*fuq dawk kollha li jgħixu fuq wiċċ l-art kollha,*" u din tiġi, mhux b'xi sinjal qabel, imma "*għal għarrieda, bħal nassa*" (Luqa 21:34-35). Li wie-ħed jibqa' jsostni liż-żmien tal-miġja tal-Mulej huwa imminenti, dan ikun tassew prużuntuż u jkun qiegħed jisfida l-Kliem tal-Mulej meta qal li "*ħadd ħlief il-Missier waħdu*" ma jaf meta għandu jasal dak il-jum!

x. "***Ishru mela***" (Mattew 24:41-51) jissuġġerixxi li għat-tieni miġja, ħadd ma jista' jantiċipa dwar iż-żmien, li huwa importanti li wieħed *ikun ipp-reparat* il-ħin kollu. Kapitlu 25 ta' Mattew ikom-pli dan il-ħsieb bil-parabbola ta' l-għaxar xeb-biet u dik tat-talenti u mbagħad ir-rakkont tal-ġudizzju. Innota kif dak kollu qabel vers 34 hu-wa applikat sewwa għall-qirda ta' Ġerusalem u dak kollu li jibda ma' vers 36 joqgħod biċ-ċar għat-tieni miġja ta' Kristu. Dawn iż-żewġ ġraj-jiet huma mpoġġija *f'kuntrast* li ħadd ma jista' jantiċipahom għaż-żmien, għalhekk, huwa imp-ortanti li tkun ippreparat il-ħin kollu. Mela, kif diġa rajna, dawn iż-żewġ ġrajjiet huma f'kun-trast u r-

riżultat kollu mhuwiex lista ta' sinjali li bihom aħna nkunu nistgħu nbassru meta t-tieni miġja se tkun imma pjuttost, stqarrija ċara li billi ma nistgħux inbassru ż-żmien tat-tieni miġ-ja ta' Kristu, aħna għand-na dejjem inkunu lesti l-ħin kollu għaliha, għalhekk il-Mulej igħidilna: "***Ishru mela***." L-appostlu Pawlu, b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu jgħidilna dwar it-tieni miġja tal-Mulej: "*Ħuti, għal dak li għandu x'jaqsam dwar it-tieni miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu, nitlob-kom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' Jum il-Mulej qorbot,* ***u la jekk tkunu mnebbħin mill-Ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi minn għandna. Thallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod!...***" (2 Tess. 2:1-3). Dan il-kliem jgħidulna l-Ispirtu s-Santu għa-liex kien jaf li se jkun hawn ħafna profeti u għalliema foloz!

2. **1 Korintin 15:24**. "*Imbagħad jiġi t-tmiem, me-ta hu jagħti s-saltna 'l Alla l-Missier, wara li jkun qered kull ħakma u kull setgħa u qawwa*." Din is-silta tpoġġi fl-ordni l-ġrajjiet li jiġru meta Kristu jerġa' jiġi: (1) Qabel dak iż-żmien, *Kristu Nnifsu jkun ġie mqajjem* mill-qabar. (2) Imba-għad meta Kristu jerġa' jiġi *dawk li huma tie-għu jkunu mqajma* mill-mewt. (3) Imbagħad jiġi *t-tmiem* meta Kristu *jagħti s-saltna Tiegħu lura lil Alla* għaliex l-awtorità kollha tkun imneħħija u l-għedewwa kollha meqruda, inkluż

il-mewt. Minn din l-ordni bosta ħwejjeġ huma apparenti: (1) *il-mejtin ikunu mqajma* meta Kristu jerġa' jiġi u dan jagħtih vittorja fuq il-mewt (kieku mhux il-mejtin *kollha* jkunu mqajma f'dan il-waqt, allura ma jkollu vittorja xejn fuq il-mewt. Minn dan wieħed għandu jara kemm huwa falz it-tagħlim tas-saltna ta' elf sena fuq l-art). (2) *Kristu kien qiegħed isaltan qabel il-miġja Tie-għu* u f'dak il-waqt *Hu jispiċċa*, u mhux jibda, l-ħakma Tiegħu. (3) Meta Kristu jerġa' jiġi jasal *it-tmiem*, mhux il-bidu ta' ħakma ta' elf sena. (4) Meta Kristu jerġa' jiġi, Hu *jagħti s-saltna lil Alla*, mhux jibda waħda ġdida. Dan huwa l-kliem ċar tal-Kelma ta' Alla. Alla jgħid fil-Kelma tiegħu, permezz ta' l-appostlu Pawlu, li Kristu se "*jagħti s-saltna lil Alla*" meta jerġa' jiġi, imma l-profeti foloz moderni jgħidu li meta Kristu jerġa' jiġi, Hu se *jwaqqaf saltna* għal elf sena fuq l-art. Lil min int temmen minn dawn it-tnejn? Sewwa qal il-Mulej f'Mattew 15:4-5, "*Alla jgħid,... imma intom tgħidu*."

3. ***1 Korintin 15:50-54***. Din is-silta tgħid li xi wħud ikunu ħajjin meta Kristu jerġa' jiġi u dawn ikunu *mibdula mingħajr mewt* fil-ġisem ġdid tagħhom waqt li dawk li kienu midfunin jo-ħorġu mill-oqbra tagħhom bil-ġisem ġdid tagħ-hom. Innota f'vers 42 li l-ġisem li jkun irxuxtat huwa l-istess ġisem li jkun "miżrugħ." Vers 52 jgħid li din *il-bidla* għal dawk li kienu mietu tkun "*fl-aħħar* tromba" b'hekk jindika li

l-qawmien ma jiġix qabel ħakma ta' elf sena, kif igħallmu l-għalliema foloz, imma fit-tmiem taż-żmien, "fid-daqq ta' *l-aħħar* tromba." Din hija ***l-aħħar** tromba* u ċertament li ma hemm xejn aktar wara *l-aħħar*. Jekk hemm elf sena ta' saltna fuq l-art, f'Ġerusalem, allura din ma hija *l-aħħar tromba* xejn, imma minn dan, għal darb'oħra na-raw kemm huwa żbaljat it-tagħlim premillenjali.

4. ***1 Tessalonikin 4:13-17***. Dawk li jemmnu fl' hekk imsejjaħ ir-"rapiment" jew il-ħtif tal-ġusti fis-sema għall-perjodu ta' seba' snin qabel it-tieni miġja jibbażaw idea bħal din primarjament fuq interpretazzjoni żbaljata ta' din is-silta. Huma jgħidu li l-kliem "*u l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel*" ifisser li *l-mejtin ġusti* jkunu mqajma qabel *il-mejtin ħżiena* u jissieħbu ma' Kristu fl-ajru. Seba' snin wara, dawk li kienu meħuda fis-sema jiġu lura fid-dinja biex isaltnu ma' Kristu għal elf sena u, wara dan, il-mejtin ħżiena jkunu mqajma.

Jekk aħna nistqasu x'mistoqsija l-appostlu Pawlu qiegħed iwieġeb, aħna nindunaw li ħaġa bħal din mhix intenzjonata f'din is-silta. L-appostlu qiegħed iwieġeb il-mistoqsija ta' *jekk dawk il-Kristjani **li kienu ħajjin** meta Kristu jerġa' jiġi jkunux fi stat aħjar minn dawk il-Kristjan **li kienu mietu** qabel dak iż-żmien*. It-tweġiba hija li "l-mejtin fi Kristu jqumu l-ewwel" u dawk li huma ħajjin ikunu maħtufa magħhom fl-ajru, u *hekk inkunu **dejjem** mal-Mulej*"

(vers 17). Din is-silta ma tiddeskrivi bl-ebda mod x'għandu jiġri lill-*ħżiena mejtin*. Din lanqas ma tgħid li huma se jqumu jew ma jqumux meta *l-ġusti mejtin* ikunu mqajma. Pjuttost, il-paragun hawn qiegħed bejn *il-ġusti mejtin* u *l-ġusti ħajjin*. Aħna għandna nitgħallmu minn *skritturi oħra* dwar meta l-ħżiena mejtin ikunu mqajma. U hawn huwa l-qerq ta' dawk l-għalliema u l-profeti foloz tal-lum. Skritturi oħra li jagħtuna tweġiba ċara ta' dan huma mħollija barra minnhom bħal per eżempju, Ġwanni 5:28-29, fejn il-Mulej igħid:

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa, li <u>dawk kollha</u> li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; u dawk li għamlu <u>t-tajjeb</u>, għall-qawmien tal-ħajja; u dawk li għamlu <u>l-ħażen</u>, għall-qawmien tal-kundanna*" (Ara wkoll Mattew 25:31-46).

L-akbar arma kontra l-għalliema u l-profeti foloz kienet u għadha, li tħalli l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha. Is-silta minn 1 Tessalonikin 4: 13-18 ma tħalli ebda lok għall-perjodu ta' seba' snin u għall-ħakma ta' elf sena għaliex dawn il-versi jgħidu b'mod l-aktar ċar li wara li l-ġusti, ħajjin jew mejtin, ikunu maħtufa fl-ajru biex jiltaqgħu mal-Mulej, "*hekk inkunu DEJJEM mal-Mulej.*" Ċertament li xejn ma jintqal dwarhom li se jerġgħu jiġu lura Miegħu fuq l-art għal elf

sena, imkien fil-Bibbja kollha ma jintqal dan, lanqas f'Rivelazzjoni 20, kif sejrin naraw aktar 'il quddiem! Jew se jkunu "*hekk (fis-sema) DEJJEM*" jew se jerġgħu jinżlu fuq l-art għal elf sena. Qiegħed tara dak li l-Mulej qal: "*Alla qal ...Imma intom tgħidu*" (Mattew 15:4-5). *Alla qal*: "*hekk inkunu DEJJEM mal-Mulej*." *Intom* (il-premillenjalisti) *tgħidu*, le mhux hekk, imma Kristu għandu jerġa' jiġi mal-ġusti fuq l-art għal elf sena oħra! Wieħed għandu jkun tassew pru-żuntuż biex iżid mal-Kelma ta' Alla jew inaqqas minnha (Rivelazzjoni 22:18-19). Jew "hekk in-kunu **għal dejjem**" jew le. Ma' Alla ma jista' jkun hemm ebda kompromess!

5. ***Ġwanni 5:28-29***. Kif diġa rajna aktar qabel, dawn il-versi jitkellmu ċar ħafna u huma twe-ġiba l-aktar ċara għall-mistoqsija dwar jekk se jkunx hemm aktar *minn reżurrezzjoni waħda*, waħda jew aktar għall-ġusti u waħda jew aktar għall-ħżiena. Imma l-Mulej jgħidilna:

> "*La tistagħġbux b'dan: għax tasal is-siegħa li dawk* ***kollha*** *li qegħdin fl-oqbra jisimgħu leħnu, u joħorġu; dawk li għamlu t-tajjeb, għall-qaw-mien tal-ħajja; u dawk li għamlu l-ħażen, għall-qawmien tal-kundan-na*."

Billi t-tnejn, il-ġusti u l-ħżiena jintqal li joħorġu mill-oqbra meta "*tasal is-siegħa*," din hija indi-kazzjoni ċara lit-tajbin u l-ħżiena joħorġu mill-

oqbra tagħhom *fl-istess ħin*. Ukoll, dawk li huma ħżiena u dawk li huma ġusti, ikunu mifrudin f'dak il-ħin b'kull naħa mibgħuta fil-post etern tagħha fl-istess waqt. (Aqra Mattew 24:36-51; 25 u ara xi jgħidu dawn il-versi dwar dan!)

6. ***Ġwanni 6:40, 44, 54***. Dawn il-versi, kollha jse-mmu li l-qawmien tal-ġusti jkun "*fl-aħħar jum*." Issa jekk il-ġusti huma mqajma *fl-aħħar jum*, allura ma hemm ebda lok għal elf sena ta' jiem (365,000 jiem oħra) wara li l-ġusti jkunu mqaj-ma qabel ma l-ħżiena huma mqajma u l-ġudiz-zju finali! Il-frażi "l-aħħar jum" ċertament li ma tfissirx li wara għad hemm 365,000 jum ieħor!
7. ***2 Tessalonikin 1:7-8***. Xi wħud igħallmu li meta Kristu jerġa' jiġi, Hu jwaqqaf saltna u mbagħad, wara elf sena, jikkastiga lill-ħżiena. Din is-silta, iżda, tgħid li meta Kristu jerġa' jiġi, Hu jiġi "*f'nar iħeġġeġ biex jitħallas minn dawk li ma jagħrfux 'l Alla, u li ma jisimgħux mill-evanġelju ta' Sidna Ġesù Kristu. Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem minn quddiem wiċċ il-Mulej*." Għal darb'oħra, ebda lok għall-ħakma ta' elf sena meta Kristu jerġa' jiġi u hawn għandna stqarrija ċara li l-ħżiena jkollhom kastig etern. Imma ħalli naraw li jmiss.
8. ***Mattew 25:46***. Wara li naqraw is-silta dwar il-ġudizzju fejn in-ngħaġ ikunu isseparati mill-mogħoż (vers 32), il-Mulej igħid lill-ħżiena, "*Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta'*

*dejjem...*” (vers 41). F’vers 46 naqraw, “*U dawn imorru fit-tbatija ta’ dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta’ dejjem.*” Minn dan il-vers aħna nitgħallmu li l-*kastig tal-ħżiena* u *l-ħajja tal-ġusti* t-tnejn għandhom ***l-istess** tul ta’ żmien*. Ma jkunx hemm l-estinzjoni (jiġifieri, li jkunu miġjuba fix-xejn) tal-ħżiena.

9. ***Rivelazzjoni 20***. Dan il-kaptilu huwa l-uniku wieħed fl-Iskrittura li jsemmi “ħakma ta’ elf sena.” Imma għal liema ħakma jirreferi dan? Wieħed li jkun qiegħed jistudja dan il-kapitlu għandu jiftakar li qiegħed joqrob lejn it-tmiem ta’ ktieb mimli b’figuri u simboli—dragun b’sebat irjus, bhejjem ferori, ngħaġ b’seba’ għajnejn u seba’ qrunijiet, ġurati b’uċuħ bħal ta’ l-irgiel u xagħar bħan-nisa, żwiemel b’irjus bħal iljuni u denbhom bħal skorpjuni, eċċ. L-istorja tal-Ktieb ta’ Rivelazzjoni hija reali imma l-istampi wżati biex igħidu l-istorja huma simboliċi. Aħna għandna nifhmu li l-ktieb għandu żewġ livelli—il-livell simboliku ta’ *fuq* u l-messaġġ reali li jinsab *taħt*. B’dan f’moħħna, aħna nħarsu lejn l-istampa simbolika f’Rivelazzjoni 20 u mbagħad lejn il-messaġġ reali li dan jintenzjona li jwassal.

Versi 4 sa 6 ta’ Rivelazzjoni kapitlu 20 ma jitkellmux dwar ħakma ta’ elf sena. Li nwieġbu erba’ mistoqsijiet dwar din il-ħakma, iżda, għandu jgħinna biex inkunu nafu x’inhu l-messaġġ moħbi tal-kittieb.

(1) ***Min se jaħkem jew isaltan***? Dawk murija fuq tronijiet isaltnu ma' Ġesù jintqal li huma "*dawk li kellhom rashom maqtugħa għax-xhieda tagħhom ta' Ġesù u li ma kellhomx il-marka tal-bhima*." Il-bhima f'Rivelazzjoni tirrappreżenta lil l-Imperu Ruman, imperu mad-dinja kollha li eżista fiż-żmien meta dan il-ktieb kien miktub, li kien fuq is-seba' għoljiet, u jippersegwita l-knisja (Rivelazzjoni 13:5-7; 17:9-10). Għalhekk, dawk li huma murija hawn bħala li *qegħdin isaltnu* (**mhux** għad iridu jsaltnu għal elf sena) ma' Kristu huma *l-erwieħ ta' dawk li kienu maqtula* talli taw xhieda ta' Ġesù u li rrifjutaw li jqimu lil l-imperaturi ta' l-Imperu Ruman. Dawn il-martri huma parti ta' l-istorja tal-Ktieb ta' Rivelazzjoni—6:9-11; 7:9-17; 14:1-5; 15:2-4; 19:1-2; 14. Mela, min isaltan ma' Kristu għal elf sena? Is-silta Skritturali tgħid li huma *l-erwieħ ta' dawk li mietu* minħabba x'xhieda ta' Ġesù matul il-persekuzzjoni terribbli tal-knisja.

(2) ***Għaliex jintqal li huma jsaltnu***? Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni kien mogħti lill-knejjes li kienu qrib li jkunu mgħaddsa f'persekuzzjoni terribbli minn Ruma. Biex iħeġġiġhom ħalli "jibqgħu fidili sal-mewt" (Rivelazzjoni 2:10), Kristu assigurahom li jekk huma jkunu fidili Lejh billi jagħtu ħajjithom għall-kawża Tiegħu, Hu kien se jeħodhom biex ikunu Miegħu ħalli jiċċelebraw ir-rebħa kbira tagħhom wara li l-kawża tagħhom tibqa' għaddejja u Ruma tmur l-isfel għal telfa. L-istampa ta' "isaltnu ma' Kristu għal elf sena"

hija mod simboliku li tissuġġerixxi l-premju kbir tagħhom li jsegwi t-tbatija tagħhom.

(3) ***Fejn din il-ħakma tkun***? Ma hemm *ebda* suġġeriment f'dawn il-versi *li din tkun fuq l-art*. L-idea li l-ħakma ta' elf sena se tkun fuq l-art mhijiex ta' l-Ispirtu s-Santu imma hija tal-profeti u l-għalliema foloz. L-istampa hija waħda tas-sema—ta' Kristu u ta' l-erwieħ ta' martri Kristjani f'ħakma tas-sema ma' Kristu. Wara kollox, dawk li qegħdin isaltnu jew jaħkmu huma murija bħala erwieħ *wara l-mewt* u għadhom mhumiex f'ġisem irxoxtat. Matul il-ktieb, il-martri kienu qegħdin fis-sema u hekk ukoll kien Kristu. Staqsi lill-millenjalisti fejn jintqal f'Riv-elazzjoni 20 li Kristu se jsaltan **fuq l-art** għal elf sena? Dawn jibqgħu jaqraw dawn il-versi min-għajr ma jkunu jistgħu jsibu t-tweġiba għalik! It-tweġiba tista' tingħata biss minn dak li *jgħidu huma* u mhux minn dak li *jgħid Alla*!

(4) ***Meta tkun il-ħakma***? Il-ħakma tibda f'kapitlu 20, sewwasew wara t-telfa taż-żewġ bhejjem fit-tmiem ta' kapitlu 19. Għalhekk, meta ż-żewġ bhejjem (l-Imperu Ruman u l-Kult tal-Qima ta' l-Imperatur) jinżlu f'telfa, il-ħakma tibda. Wara li l-għodda ta' Satana biex ifittex li jippersegwita l-knisja tal-bidu billi ma jħallihiex aktar fl-eżistenza tispiċċa, il-ħakma tibda. Din iċ-ċelebrazzjoni mfissra "b'ħakma ta' elf sena" iddum sat-tmiem taż-żmien, ħlief għal żmien

żgħir ta' Rivelazzjoni 20:7-10. Mela l-ħakma bdiet madwar 450 W.K. bil-waqa' ta' l-Imperu Ruman u hija murija bħala li tibqa' sat-tieni miġja, ħlief għaż-żmien qasir meta Satana jħabbat wiċċu mal-qirda finali tiegħu.

Ukoll jekk aħna ma naqblux għal kollox mat-tifsira ta' dawn is-simboli, huwa ċar li l-ħakma *mhijiex fuq l-art*, hija bl-erwieħ, mhux iġsma, hija premju speċjali għal dawk il-martri tal-bidu, Kristjani oħra lanqas biss ma huma fl-istampa. Billi 1 Korintin jagħmilha ċara li Kristu jsaltan *qabel* ir-ritorn tiegħu u mbagħad jagħti s-saltna lura lil Alla, il-ħakma ta' Rivelazzjoni 20 ma tistax tkun wara r-ritorn ta' Kristu.

L-elf sena huma *perjodu simboliku* f'nofs ta' ktieb simboliku. Għalkemm jista' li ma jkunx hemm qbil perfett dwar x'jissimbolizzaw l-elf sena, huwa ċert li dawn mhumiex deskrizzjoni ta' ħakma letterali ta' Kristu u l-qaddisin im-qajma *fuq l-art minn Ġerusalem*. Ħaġa bħal din *imkien* fl-Iskrittura kollha ma hemm xi titrifa dwarha imma hija invenzjoni tal-profeti u l-għalliema foloz moderni!

## IT-TWETTIQ TAL-PROFEZIJI TAS-SALTNA

F'Mark 1:15, Ġesù jgħid, "Iż-żmien huwa mitmum (imwettaq), u s-saltna ta' Alla waslet." Imma l-millenjalisti jgħidulna li minħabba li l-Lhud ma aċċettawx is-saltna, din kienet iposponuta u ma tiġix—il-profezija ma tkunx imwettqa —qabel it-tieni miġja ta' Kristu.

Mela, skond il-millenjalisti, aħna, issa, m'aħniex fil-ħakma ta' l-Iben ta' Alla, jekk din tfisser xi ħaġa. Dan ifisser li *l-ħakma ta' Kristu* issa mhijiex għaddejja. Jekk iva, għaliex tpoġġi l-ħakma ta' l-Iben ta' Alla 'l bogħod fit-tmiem? Għaliex l-Iben ta' Alla mhuwiex qiegħed isaltan jew jaħkem **issa**?

Huwa dwar dan l-iżball il-kbir tal-profeti u l-għalliema foloz li jiena rrid li nittratta hawn taħt. It-tabella ta' taħt turi kemm huwa żbaljat it-tagħlim premillenjali.

## PROFEZIJA MWETTQA

| | |
|---|---|
| | MARK 1:14-15 – iż-żmien IMWETTAQ |
| 1. Dan. 2:44 | Lhud 12:28 – SALTNA MIKSUBA |
| | Atti 1:8-9 – JITLA' fi SĦABA |
| 2. Dan. 7:13 | Mk. 9:1 – SALTNA TIĠI BIL-QAWWA |
| | Atti 2:1-4 – QAWWA F'PENTEKOSTE |
| 3. Isa. 2:2 | Lhud 12:22 – ERSAQTU lejn IL-MUNTANJA |
| Dan. 2:44 | Lhud 12:28 – ĦADNA s-SALTNA |

4. "FIL-JIEM DAWN IS-SLATEN" – IMWETTQA – Mk. 1:14-15
   "RESAQ LEJN IX-XIĦ" – IMWETTQA – Atti 1:9
   "SALTNA TIEQAF GĦAL DEJJEM" – IMWETTQA – Lhud 12:28

***Il-Millenjalisti virtwalment jiċħdu li Kristu Għandu Saltna Issa.***

Issa ħalli ninnutaw dawn l-Iskritturi fl-ordni:

*L-ewwel*: Qabbel Danjel 2:44 – Lhud 12:28

F'Danjel 2:44 naqraw lis-saltna "*tibqa' għal dejjem*." Imbagħad naqraw f'Lhud 12:28,

> "*Mela rrodu ħajr lil Alla għax aħna **ħadna saltna li ma titħarrikx**...*"

Jekk is-saltna "tibqa' *għal dejjem*" u din is-saltna "*ma titħarrikx*" kif wieħed jista' jaċċetta t-tagħlim falz li Rivelazzjoni 20 qiegħed jitkellem dwar saltna letterali għal elf sena fil-futur? Jew is-saltna hi "għal dejjem" u "ma titħarrikx" jew hi għal elf sena letterali, li jfisser li ma tkunx *għal dejjem* imma għal elf sena biss!

"*Fil-jiem ta' dawn is-slaten*"—Nebukadnessar kien l-ewwel minn dawn is-slaten.

> "*Int hu r-ras tad-deheb*." (Dan. 2:38).

Dan huwa l-bidu ta' linja ta' erba' saltniet. Is-saltna Rumana kienet l-aħħar waħda mil-linja ta' slaten ippreżentati fl-interpretazzjoni ta' Danjel ta' l-istatwa. Din is-saltna tal-profezija ta' Danjel, għalhekk, kellha tkun imwaqqfa bejn l-ewwel sultan u l-aħħar wieħed ta' din il-linja jew inkella din ma ġietx *fil-jiem ta' dawk is-slaten*. Tajjeb, ġiet din is-saltna jew le? Ħalli naraw. Mark 1:15 jgħid:

> "*Iż-żmien huwa mwettaq, u s-saltna ta' Alla waslet*."

Xi żmien kien dak? Dan kien fil-jiem tas-slaten Rumani; dan kien fil-linja tas-slaten, tibda b'Nebukadnessar. U meta ż-żmien kien imwettaq, min kien qiegħed isaltna jew jaħkem? Iċ-Ċesari f'Ruma. U min huma dawn? *Dawn is-slaten*. Tajjeb, Ġesù qal,

> *"Iż-żmien huwa mwettaq, u s-saltna ta' Alla waslet."*

Il-millenjalisti jgħidu li s-saltna *għadha ma ġietx*!

Issa għaqqad jew qabbel Isaija 2:2 ma' Lhud 12:23. Isaija jgħid:

> *"U jiġri fl-aħħar jiem, illi l-muntanja ta' dar il-Mulej tkun imwaqqfa f'ras il-muntanji, u tintrafa' 'l fuq mill-għoljiet, u l-ġnus kollha jiġru lejha"* (2:2).

Il-kittieb ta' l-ittra lil-Lhud, b'ispirazzjoni jgħid,

> *"Intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon. . . Għalhekk aħna* ***ħadna*** *saltna "* (Lhud 12:22-28; enfasi tiegħi).

Isaija sejħilha *"il-muntanja ta' dar il-Mulej."* Danjel sejħilha s-saltna li *"tibqa' għal dejjem."* Il-kittieb ta' Lhud sejħilha *t-tnejn*. Għalhekk, Isaija 2:2 u Danjel 2:44 *joħorġu* f'Lhud 12:22-28 u huma profeziji *mwett-qa*. Innota wkoll li aħna "ħadna" u mhux qegħdin "nistennew" saltna!

X'inhi d-differenza bejn saltna *li ma titħarrikx* u waħda *li tibqa' għal dejjem*? Din il-waħda f'Lhud 12: 28 ma tistax tkun imħarrka u aħna għandna lilha, issa. Din ma tistax tispiċċa biex tħalli l-oħra tibda! Jekk din is-saltna mhijiex is-saltna li Danjel qal li kellha tibda "fil-jiem ta' dawn is-slaten," allura mbagħad ikun hemm *żewġ* saltniet għaddejjin flimkien! Danjel 2:44 u Lhud 12:28 huma Skritturi paralleli tat-Testment il-Qadim u t-Testment il-Ġdid.

*It-tieni*: Qabbel Danjel 7:13, 14—Atti 1:8, 9.

Danjel qal:

> "*Jiena rajt fil-lejl viżjonijiet, u, ara, mas-sħab tas-sema ġie wieħed bħal bin il-bniedem, u resaq lejn ix-Xiħ tal-jiem, u ressquh quddiemu. U lilu kienet mo-għtija ħakma, u glorja, u saltna, biex il-popli kollha, ġnus u nies ta' kull ilsien jaqduh: il-ħakma tiegħu, ħakma ta' dej-jem, li ma tgħaddix, u s-saltna tiegħu li ma tinqeridx*" (Danjel 7:13, 14).

Innota l-parallel: Atti 1:8, 9:

> "*Imma intom tieħdu qawwa, wara li jiġi l-Ispirtu s-Santu fuqkom: u tkunu xhud tiegħi sew f'Ġerusalem, u kemm fil-Lhudija kollha, u fis-Samarija, u sa truf l-art. Wara li qal dawn il-ħwejjeġ, huma u jħarsu, irtafa'; u sħaba ħaditu minn quddiem għajnejhom*"

X'għandu hu jirċievi, "ġej mas-sħab tas-sema lejn ix-Xiħ tal-jiem"? Ħakma, glorja u saltna.

Issa erġa' aqra:

> "*Wara li qal dawn il-ħwejjeġ, huma u jħarsu, irtafa'; u sħaba ħaditu minn qu-ddiem għajnejhom*" (Atti 1:9).

Irċieva Ġesù Kristu ħakma, glorja, u saltna wara li tela' s-sema? L-appostlu Pawlu qal li hekk għamel:

> "*Li għamel fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet, u qiegħdu n-naħa tal-lemin tiegħu stess fis-smewwiet. Wisq 'il fuq minn kull isem li jissemma, mhux biss f'did-dinja, imma f'dik ukoll li ġejja: U qiegħed kollox taħt riġlejh, u lilu għamlu fuq kollox, biex ikun ir-ras tal-knisja*" (Efesin 1:20-22).

Pietru jgħid li hekk għamel:

> "*Li mar fis-sema, u qiegħed fil-lemin ta' Alla; u li għalih huma suġġetti l-anġli, is-setgħat u l-qawwiet*" (1 Pietru 3:22).

Imma meta Hu tela' fis-smewwiet biex jirċievi ħakma u setgħa, Hu kien ukoll "mgħolli fil-glorja" (1 Timotju 3:16). Għalhekk, Ġesù rċieva dak kollu li Danjel qal li kien mogħti lil *Dak* li "resaq lejn ix-Xiħ tal-jiem" fis-sħab. L-unika konklużjoni onesta, mela, hija li Danjel 7:13, 14 hija parallel ma' Atti 1:8, 9, u hija profezija *mwettqa*.

*It-tielet*: Qabbel Mark 9:1—Atti 1:8—Atti 2:1-4.

(1) Saltna bil-qawwa:

> "*Tassew ngħidilkom: hemm xi wħud milli qegħdin hawn, li ma jduqux il-mewt, qabel ma jaraw is-saltna ġejja bil-qawwa*" (Mark 9: 1).

(2) Qawwa bl-Ispirtu:

> "*Imma intom tirċievu l-qawwa, wara li jiġi l-Ispirtu fuqkom: u tkunu xhud tie-*

*għi sew f'Ġerusalem u kemm fil-Lhudija kollha, u fis-Samarija, sa truf l-art*" (Atti 1:8).

(3) Spirtu f'Pentekoste:

"*U meta wasal jum il-Ħamsin, kienu kollha b'fehma waħda, f'post wieħed. U f'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha ta' fejn kienu qegħdin. U hemm dehrulhom ilsna mifruqin qishom tan-nar, li qagħdu fuq kull wieħed minnhom. U mtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu, u bdew jitkellmu b'ilsna oħra kif l-Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu*" (Atti 2:1-4).

Is-saltna ġiet bil-qawwa. Il-qawwa ġiet bl-Ispirtu. L-Ispirtu ġie f'Pentekoste. Għalhekk l-Ispirtu, il-qawwa, u s-saltna *kollha* ġew f'Pentekoste.

Imbagħad wara Pentekoste, x'jintqal? Is-saltna jintqal dwarha bħala ħaġa preżenti li teżisti. Filippu ppriedka s-saltna fis-Samarija. Naqraw f'Atti 8:12,

"*Iżda meta emmnu f'Filippu, li kien ixandrilhom ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mas-saltna ta' Alla, u l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa.*"

Pawlu ppriedka s-saltna f'Ruma fejn naqra f'Atti 28: 30-31,

"U *Pawlu baqa' sentejn fid-dar li kien kera, u kien jilqa' lil dawk kollha li*

> *kienu jmorru għandu. Billi kien ixandar is-saltna ta' Alla, u jgħallem il-ħwejjeġ tal-Mulej Ġesù Kristu, bla biża', u bla ma ħadd iżommu.*"

Il-Kolossin kienu fiha fejn naqraw,

> "*Li ħelisna mill-ħakma tad-dlam,* ***u daħħalna*** *fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub*" (Kolossin 1:13).

L-Ispirtu s-Santu jgħid li aħna s-saltna *rċevejniha* u mhux li għad irrdu nirċevewha:

> "M*ela rrodu ħajr lil Alla għax aħna* ***ħadna*** *saltna li ma titħarrikx; u nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'*" (Lhud 12:28).

"U nagħtuh il-qima li tixraqlu, bil-ġieh u bil-biża'." Fejn aħna nagħtu qima lil Alla bil-ġieh u bil-biża'? Fil-knisja, fis-saltna (Mattew 16:18, 19; Atti 2:46, 47; Lhud 10:25).

Billi aħna nsibu dik il-linja ta' profeziji mwettqa definittivament fit-Testment il-Ġdid, it-teoriji żbaljati tal-millenjalisti dwar saltna fil-futur ma jaqblux mat-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu u għalhekk aħna, bħala Kristjani, għandna nwarrbuhom għal kollox (2 Ġwanni 8-11).

Ukoll naqraw f'Rivelazzjoni 11:15,

> "*...Is-saltna tad-dinja saret ta' Sidna u tal-Kristu tiegħu, u hu jsaltan għal dejjem ta' dejjem.*"

Il-millenjalisti jaħsbu li sabiex dan ikun minnu, Kristu għandu jkun fuq l-art bil-millennju fl-aqwa tiegħu. Im-ma għandu Alla jkun fuq l-art biex jaħkem is-saltniet tad-dinja? Mhuwiex Kristu **issa** qiegħed jaħkem fuq id-dinja—mis-smewwiet? Mhuwiex dak il-mod li bih Alla dejjem ħakem fuq l-art, jiġifieri, mis-smewwiet? Alla kien is-Sultan ta' Iżrael. Hu saltan mis-smewwiet —imma kienet il-ħakma Tiegħu mhux effettiva għa-liex Hu kien qiegħed fis-smewwiet u mhux fuq l-art? Għandu għalfejn Alla jkun qrib ta' l-għedewwa Tie-għu b'mod fiżiku biex jeqridhom? Mhuwiex neċessar-ju li terġa' ġġib lil Kristu hawn isfel fuq l-art biex Hu jeżerċità l-awtorità. Pietru qal:

> "*U l-magħmudija li hi xbieha ta' dan, issalvana issa wkoll. . . . bil-qawma ta' Ġesù Kristu minn bejn l-imwiet*" (1 Pietru 3:21, 22).

Rivelazzjoni 11:15 ma jaqbilx mat-teorija falza ta' millennju fuq l-art. Sejjer il-millennju jibqa' "*għal dej-jem ta' dejjem*"? Dan jidher pjuttost biex jindika t-tmiem taż-żmien, meta s-saltniet tad-dinja jsiru s-salt-niet ta' Alla, "*u hu [Alla] jsaltan għal dejjem ta' dej-jem*"; meta Kristu jkun "ta" l-ħakma Tiegħu lil Alla; meta s-saltniet tad-dinja jkunu ġew fit-tmiem; u Alla "jkun kollox f'kollox" (1 Korintin 15:24-28).

Rivelazzjoni 19-20—Jintqal li kapitlu 19 ta' Rivel-azzjoni juri lil Kristu ġej mis-sema lejn l-art, u kapitlu għoxrin jiddeskrivi l-millennju. Imma juri kapitlu 19 il-miġja ta' Kristu "mis-sema *għal l-art*"? Il-Fidil u

Veru qiegħed fuq żiemel abjad, b'armata ta' żwiemel bojod warajh. F'Atti 1:11 l-anġli qalu lid-dixxipli li:

> "*dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer lejn is-sema.*"

Ġesù kien meħud 'il fuq fi sħaba (Atti 1:9) u "*araw, ġej fis-sħab; u l-għajnejn kollha jarawh...*" (Riv. 1:7).

Pawlu qal lit-Tessalonikin li meta Kristu jinżel missema l-Kristjani kollha, ħajjin u mejtin, ikunu:

> "*maħtufa magħhom fis-sħab, biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru: **u hekk inku-nu dejjem mal-Mulej***" (1 Tessalonikin 4:17).

Hekk it-Testment il-Ġdid iħallina "*dejjem mal-Mulej*" fil-miġja Tiegħu. *Imkien* ma l-millenjalisti ma jistgħu juru xi vers wieħed jew silta waħda mit-Testment il-Ġdid li juri li Ġesù Kristu se jerġa' jinżel fuq l-art. *Imkien*! Jekk xi ħadd minn dawk il-profeti u l-għalliema foloz juri xi vers jew silta bħala prova ta' dan wieħed għandu jibqa' żgur li l-interpretazzjoni li huma jagħtu hija żbaljata għal kollox u li tkun ġejja mill-bnedmin u mhux minn Alla! L-interpretazzjoni tagħhom ċertament li tkun tikkontradixxi passaġġi oħra mill-Iskrittura! Pietru, meta tkellem dwar it-tieni miġja tal-Mulej qal hekk dwar nies bħal dawn:

> "*...Hekk ukoll kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skond l-għerf li ngħata lilu. Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ tqal biex wieħed*

*jifhimhom, u **dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin** għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra ta' l-Iskrittura. Intom, mela, ħuti għeżież, la-darba tafu dan, **għassu sewwa** li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu qegħdin fis-sod*" (2 Pietru 3:15-17).

Kemm nies sinċiera huma maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies mingħajr ma jirrealizzaw f'liema periklu kbir huma jinsabu? L-istess ħaġa ssir minn dan il-kapitlu ta' Pietru. Il-millenjalisti jinterpretaw vers 8 bħala li għall-Mulej "jum wieħed = elf sena" u "elf sena = jum wieħed." Imma din l-interpretazzjoni hija żbaljata għal kollox. Pietru ma qalx li "jum wieħed hu *daqs* jew *jagħmel* elf sena" imma qal li "jum wieħed hu *bħal* elf sena." Dan ifisser, u l-kuntest jurih dan, li l-Mulej iħares lejn iż-żmien mhux kif inħarsu lejh aħna. Għall-Mulej ma hemmx żmien! Qiegħed tara kif "*dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżejjed ifissruhom ħażin*"? Hekk jgħid l-Ispirtu s-Santu permezz ta' Pietru u hekk qiegħed jiġri llum! Illum, dawn il-profeti u l-għalliema foloz qegħdin jgħidu li jum wieħed hu *daqs* elf sena jew li jum wieħed *jagħmel* elf sena. Imma l-Ispirtu s-Santu ma jgħidx hekk. L-Ispirtu s-Santu jgħid li "jum wieħed quddiem il-Mulej hu *bħal* (mhux *daqs* jew *jagħmel*) elf sena. Il-Verżjoni Maltija tat-Trinitarian Bible Society hija żbaljata f'dan il-vers għaliex għandha "daqs" minflok "bħal." Dan jibdel is-sens kollu u minħabba f'hekk ħafna

sfortunatament qegħdin jinqabdu f'dak it-tagħlim żbaljat tal-profeti u l-għalliema foloz moderni!

Rivelazzjoni 19 ma jiddeskrivix il-miġja personali u viżibbli tal-Mulej. Jekk dan jirreferi għall-miġja Tie-għu f'xi sens din għandha tkun f'sens spiritwali, kif hu "*jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra*" (v. 11). Dan ikun aktar f'li żżomm man-natura ta' kapitlu 20. Jintqal li kienu "*l-erwieħ ta' dawk li qatgħulhom rashom*" li sal-tnu ma' Kristu. Jekk dan huwa spiritwali allura dan il-kapitlu ma jgħallimx millennju letterali. Jekk huwa letterali, allura "l-qtugħ ta' l-irjus" għandu jkun ukoll letterali, u l-millenjalisti jkunu mħollija barra mill-millennju!

Hawn ukoll, xi wħud jinqabdu bit-tagħlim falz tal-millenjalisti minħabba ċerti verżjonijiet żbaljati tal-Bibbja ta' dan il-vers, jiġifieri Rivelazzjoni 20:4. Hawn naqraw:

> "*Rajt ukoll l-erwieħ ta' dawk li kienu qatgħulhom rashom minħabba fix-xhie-da ta' Ġesù u l-kelma ta' Alla, u li ma kinux xteħtu jagħtu qima lill-Bhima u lix-xbhieha tagħha, u li ma ħadux il-marka fuq ġbinhom u fuq idhom.*"

Xi verżjonijiet tal-Bibbja, jżidu xi kliem f'dawn il-ver-si li permezz tagħhom it-tifsira ta' dak li jintqal fihom tinbidel għal kollox. Kemm dawk bl-Ingliż, bħal, per eżempju, in-New World Translation of the Holy Scrip-tures użata mix-Xhieda ta' Ġeħovah, fejn żiedu l-kel-ma "those" u kemm dik bil-Malti, bħal, per eżempju, dik ta' l-Għaqda Biblika Maltija, fejn żiedu

"lil dawk." Hawn, fil-Verżjoni ta' l-Għaqda Biblika Maltija dan il-vers jinqara (b'mod żbaljat) hekk:

> "*...Rajt ukoll l-erwieħ ta' dawk li kienu qatgħulhom rashom minħabba fix-xhieda ta' Ġesù u l-kelma ta' Alla, u* ***lil dawk*** *li ma kinux xteħtu jagħtu qima.*"

Wieħed għandu jinnota mela, hawn, li l-kliem "*lil dawk*" mhuwiex fl-oriġinal. B'dan il-kliem wieħed ikun imġiegħel jifhem li hemm *żewġ* gruppi ta' nies, jiġiferi, dawk "l-erwieħ li kienu qatgħulhom rashom" **u** *dawk* li ma kinux xteħtu jagħtu qima lill-bhima" eċċ. Imma dan il-vers jirreferi *biss* għal dawk "*l-erwieħ* li kienu qatgħulhom rashom." Dan hu l-ingann tal-mil-lenjalisti! Dan iġib fix-xejn it-tagħlim falz ta' ħakma ta' elf sena letterali fuq l-art, għaliex dawn il-versi qe-għdin jitkellmu biss dwar erwieħ u mhux dwar nies li qegħdin jew li se jkunu jgħixu fuq l-art. Ma' dan jaqa' wkoll it-tagħlim falz l-ieħor kollu tagħhom dwar ir-rapiment, Iżrael, eċċ.!

Rivelazzjoni 20 ma jiddeskrivix millennju fuq l-art. Ma hemm ebda tagħrifa li Kristu se jokkupa l-art. Dan il-kapitlu ma jsemmix *it-tieni miġja ta' Kristu*. Dan ma jsemmix ħakma *fuq l-art*. Lanqas ma jsemmi *qawma bil-ġisem*. Dan ma jsemmix *lilna*—dan ma jsemmi *xejn* minn dak kollu li l-millenjalisti jippruvaw idaħħlu fih! Wieħed m'għandux jinsa t-twissija li nsibu f'ka-pitlu 22:18-19,

> "*Għax jien nixhed lil kull bniedem li jisma' l-kliem tal-profezija ta' dal-ktieb: Jekk xi ħadd* ***iżid*** *ma' dawn il-*

*ħwejjeġ, iżidlu Alla l-kastigi li huma miktubin f'dal-ktieb: U jekk xi ħadd* ***neħħi*** *mill-kliem tal-ktieb ta' din il-profezija, Alla jneħħilu sehmu mill-ktieb tal-ħajja, u mill-belt il-qaddisa, u mill-ħwejjeġ li huma miktubin f'dal-ktieb.*" (enfasi tiegħi.)

Huma l-kliem "*lil dawk*" miżjuda jew le? Huwa l-millennju fuq l-art miżjud f'dan il-passaġġ jew le? Qiegħed it-tagħlim li Kristu se jokkupa l-art f'dan il-passaġġ? Hija *it-tieni miġja ta' Kristu* miżjuda wkoll f'dawn il-versi? Ukoll il-ħakma *fuq l-art* hija miżjuda fihom kif ukoll aħna! Għalhekk Rivelazzjoni jagħlaq b'dik it-twissija iebsa!

Mela, l-uniku passaġġ li l-millenjalisti jiddependu fuqu biex jippruvaw l-argument jew it-tagħlim falz tagħhom huwa inadegwat u nieqes għal kollox minn xi prova li tista' tkun ta' xi għajnuna għalihom!

Ma hemm ebda tagħlim fl-ittri lill-knejjes dwar mil-lennju fuq l-art. Jekk il-millennju hu tassew, kif aħna nistgħu nispjegaw l-assenza ta' tagħlim definittiv fuq is-suġġett fl-ittri lill-knejjes—il-post innifsu fejn il-Kristjani huma mogħtija struzzjonijiet "*fil-ħwejjeġ ko-llha li jinħtieġu għall-ħajja u t-tjieba*" (2 Pietru 12: 3).

Mela, fil-qosor: Kristu beda jaħkem jew isaltan fil-jum ta' Pentekoste. Hu qagħad fuq il-lemin ta' Alla fil-għoli (Atti 2:32-35; Lhud 1:13). Waqt li Kristu qie-għed bilqiegħda, Hu qiegħed isaltan (Żakkarija 6:13; Salm 110:2), u jkompli jsaltan sakemm iqiegħed l-għedewwa Tiegħu kollha taħt riġlejh. Naqraw:

> “*Għax jeħtieġ li hu jsaltan, sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh*” (1 Korintin 15:25).

Dan il-vers ispirat mill-Ispirtu s-Santu ma jgħidx, “*imbagħad* Hu jsaltan” imma “għax *jeħtieġ* li hu jsaltan” —jeħtieġ li jsaltan wara l-qawmien sat-tmiem. Il-ħakma, li Kristu qiegħed isaltan hija koestensiva ma’ li Hu qiegħed bilqiegħda. Waqt li Hu qiegħed bilqiegħda, Hu qiegħed isaltan. Għalhekk, il-ħakma ta’ Kristu hi għaddejja issa. L-appostlu Pawlu jgħid lis-saltna waħda hija dik ta’ Kristu u ta’ Alla (Efesin 5:5). Ma hemmx aktar minn saltna waħda, dik ta’ Kristu u dik ta’ Alla, imma l-unika saltna hija kemm ta’ Kristu u kemm ta’ Alla!

Kif rajna, kapitlu 20 ta’ Rivelazzjoni huwa xena talmartri:

> “*...u rajt l-erwieħ ta’ dawk li kellhom rashom maqtugħa minħabba x-xhieda ta’ Ġesù, u minħabba l-kelma ta’ Alla, u li ma qimux lill-bhima, u lanqas lixxbieha tagħha, u lanqas ħadu l-marka tagħha fuq ġbinhom jew fuq idhom; u għexu u saltnu ma’ Kristu elf sena*” (v. 4).

Issa, *hu x’inhu dak*, u *kien meta kien*, dan għandu x’jaqsam ma’ l-*erwieħ* tal-martri. Il-millenjalisti ma jistgħux jagħtu prova li dan jirreferi għalik u għalija!

Ġwanni qal li l-ħwejjeġ murija f’Rivelazzjoni “*għandhom jiġru ma jdumux*” u li “*ż-żmien qorob*” (Rivelazzjoni 1:1, 3). L-appostlu Pawlu qal lit-Tessalonikin

lit-tieni miġja ta' Kristu "*ma kinetx fil-qrib*" (2 Tessalonikin 2:2). Il-millenjalisti għandhom ġrajjiet li "kienu qrib" ikunu mwettqa fit-tieni miġja ta' Kristu, ġrajja li *ma kinetx fil-qrib*.

Dan hu t-tagħlim falz tal-millenjalisti! Dawn il-profeti u l-għalliema foloz qegħdin igiddbu lil l-Ispirtu s-Santu u b'hekk qegħdin ikunu għodda f'idejn Satana! Għalhekk it-twissija:

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom, **b'ebda mod!***" (2 Tessalonikin 2:3; enfasi tiegħi).

Għalhekk, l-Iskrittura kollha hija mimlija bi twissijiet biex ma nħallu 'l ħadd iqarraq bina **b'ebda mod** (ara Mattew 24:23-28; 2 Tessalonikin 2:3; Efesin 5:6, Kolos-sin 2:18; u oħrajn). Il-Mulej tagħna jgħidilna hekk f'Mat-tew 24:42-44:

> "*Ishru, mela, għax ma tafux il-jum li fih jiġi Sidkom. Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema siegħa tal-lejl se jiġi l-ħalliel, kien jishar u ma jħallix min jinfidlu l-ħitan ta' daru. Mela kunu lesti intom ukoll, **għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem**.*"

Il-Mulej jgħidilna biex nishru. Għaliex jgħidilna hekk? It-tweġiba jagħtihilna Hu stess:

> "*Għax **qatt ma tistgħu tobsru** s-siegħa li fiha jiġi Bin il-bniedem.*"

*"Imbagħad, jekk xi ħadd jgħidilkom, 'Ara, hawn hu l-Messija,' jew, 'Hemm,'* ***la temmnuhx****. Għax għad jitfaċċaw ħafna messijiet foloz u pro-feti foloz, u jibdew jgħamlu sinjali kbar u għeġubijiet biex iqarrqu, jekk jista' jkun, imqar bil-maħturin"* Mat-tew 24:26).

Illum, huma minn dawk il-maħturin li ġew imqarr-qa b'dak it-tagħlim falz. Dak li wissa l-Mulej twettaq. Imma l-premillenjalisti mhux talli "jobsru" imma talli jiffisaw id-data li fiha l-Mulej se jiġi! Kemm naqraw u nisimgħu dwar dati u sinjali u li t-tieni miġja tal-Mulej hija imminenti! Jekk wieħed biss kellu jiġbor dak kollu li ntqal hekk kif l-għeluq tas-seklu għoxrin beda joqrob, kieku dan jimla ktieb ta' ħafna paġni. L-istess ħaġa ġrat kull darba li xi seklu jkun wasal fit-tmiem. Fis-sena 999 ġara l-istess fejn ħafna nies ġew imwerwra. Jiena ċert li dan jibqa' jsir sakemm Kristu tassew jerġa' jiġi! Imma ħaġa ta' l-iskantament, xi wħud qatt ma jitgħallmu, ukoll għalkemm jaraw dak il-qerq kollu, huma xort waħda jibqgħu jimxu wara dawk il-profeti u l-għalliema foloz!

Imma aħna, bħala Kristjani tat-Testment il-Ġdid, ngħallmu preċiżament dak li qal il-Mulej f'Mattew 24:24-26, 42-44 u fil-kumplament tal-Kelma Tiegħu. Il-Mulej tagħna jgħid hekk:

*"Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġen-bi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri*

*fuq it-tron tiegħu. Min għandu widnejn, ħa jisma' x'igħid l-Ispirtu lill-knejjes*" (Rivelazzjoni 3:21, 22).

## IL-BIBBJA U DAN IN-NISEL TA' MATTEW KAPITLU 24:34 (L-Ewwel Parti)

"*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha.*"

"*Dan in-nisel (ġenerazzjoni)*": It-total kollu ta' dawk imwielda fl-istess żmien imkabbra biex jinkludu lil dawk kollha li jgħixu f'ġenerazzjoni, kontemporanji taż-żmien mogħti" (William Arndt & F.W. Gingrich, *Greek-English Lexicon of the New Testament* (Chicago University of Chicago, 1967), p. 153-154).

Dawk li jeħtieġu li l-versi f'Mattew 24:3-34 jirreferu għall-ġrajjiet qabel it-Tieni Miġja ta' Kristu biex b'hekk it-teoriji tagħhom jidhru kredibbli, għandhom b'xi mod jikkonvinċu lin-nies li l-frażi "dan in-nisel" jew "din il-ġenerazzjoni" tirreferi għal xi ħaġa oħra milli għall-ġenerazzjoni li kienet qed tgħix meta Ġesù qal dan il-kliem.

1. Xi wħud ippruvaw jargumentaw li l-espressjoni qed tirreferi għar-razza umana nġenerali. Imma, kif innotat "Biċ-ċar l-idea ta' razza umana ma tistax tkun miżmuma; kull deskrizzjoni tat-Tieni Miġja timplika li bnedmin ikunu madwar biex jixhduha, għaliex jekk ħaġ'oħra din ma jkollha ebda kuntest biex jagħtiha xi sinifikat (1 Tessalonikin 4:15)" (*Hard Sayings Of Jesus, F. F. Bruce*, p. 226). B'żieda, id-definizzjoni tad-dizzjunarju tal-Grieg hija "razza kontemporanja, nies igħixu fl-istess żmien."
2. Oħrajn jargumentaw li "dan in-nisel" tirreferi għar-razza Lhudija in ġenerali. Imma meta Ġesù uża din l-istess espressjoni f'kuntesti oħra, Hu kien qiegħed jirriferixxi għall-ġenerazzjoni li kienet qed tgħix f'dak iż-żmien, il-kontemporanji Tiegħu, per eżempju, Mattew 11:26,

   "*Imma lil* ***dan in-nisel*** *ma' min inxebbħu?*"

   "***Nisel*** *ħażin u żieni jfittex sinjal...*" (Mattew 12:39).

   "L-*irġiel ta' Ninwè għad iqumu f'jum il-ħaqq ma'* ***dan in-nisel****, u jikkundannawh....Is-sultana tan-nofsinhar tqum f'jum il-ħaqq ma'* ***dan in-nisel****, u tikkundannah...*" (Mattew 12: 41-42).

L-irġiel ta' Ninwè mhux se jikkundannaw li r-razza Lhudija kollha, pjuttost, huma sejrin jikkundan-naw il-ġenerazzjoni li semgħet lil Ġesù

jitkellem u madankollu naqsu milli jindmu. Ara wkoll Mat-tew 16:4; 17:17; 23:36.

3. Xi wħud jippruvaw jargumentaw li "dan in-nisel" ma jfissirx il-ġenerazzjoni li qed tgħix issa, "imma dan in-nisel (ġenerazzjoni) li jkun ħaj fiż-żmien li dwaru jiena qiegħed nitkellem, il-ġenerazzjoni ħajja fuq l-art meta dawn il-ħwejjeġ jibdew isiru." Hal Lindsey ippopolarizza din il-veduta meta kiteb, "X'nisel? (ġenerazzjoni) Ovvjament, fil-kuntest, in-nisel li għandu jara s-sinjali—il-kbir fosthom it-twelid mill-ġdid ta' Iżrael (interessanti biż-żejjed, fejn huwa dak is-sinjal f'Mattew 24?). Nisel jew ġenerazzjoni fil-Bibbja huwa xi ħaġa bħal erbgħin sena. Jekk dan huwa tnaqqis korrett, allura f'erbgħin sena jew hekk ta' 1948, dawn il-ħwejjeġ kollha jistgħu jsiru. ħafna skulari li stud-jaw il-profezija tal-Bibbja ħajjithom kollha jemm-nu li dan huwa minnu" (*The Late Great Planet Earth*, p. 54, 1970. *Ed.*). Mal-mogħdija taż-żmien is-Sur Lindsey ipprova jerġa' lura minn dak li kien qal fl-1970. F'artiklu fl-Eternity Magazine, li jġib id-data ta' Jannar 1977, huwa qal, "Jiena ma nemminx, per eżempju, li inti tista' tgħid li l-istat ta' Iżrael kien imwieled fl-erbatax ta' Mejju, 1948 u li eżattament minn dak iż-żmien, dan sejjer jiġri. Jiena qatt ma għamilt dan u qatt mhux se nagħmlu. Għalhekk jiena ngħid li huwa bejn 40 u 100 sena. U ħadd ma jaf jekk 'dan in-nisel' uffiċjalment beda mat-twelid ta' Iżrael jew le" (Ikkwotat

fi: *Lion And The Lamb On Planeth Earth. Rodney M. Miller,* p. 296).

4. Ix-Xhieda ta' Ġeħovah għandhom it-tagħwiġa tagħhom fuq "dan in-nisel." Huma jemmnu li "dan in-nisel" beda fl-1914: "Ukoll jekk aħna nippresumu li żagħżagħ ta' 15-il sena jkunu jagħrfu biżżej-jed it-tifsira ta' dak li ġara fl-1914, xorta jagħmel l-iżgħar ta' 'dan in-nisel' (jew 'din il-ġenerazzjo-ni') qrib 70 sena żmien illum (bħal ta' l-1968, ja-għmel lil l-iżgħar 103 fl-2002. Nota opposta: Jekk dan hu tassew, mela kemm minn "dan in-nisel" ikun jista' jaħrab (Mattew 24:16), u kemm ikunu "b'tarbija"???) Għalhekk il-maġġuranza l-kbira tal-ġenerazzjoni li għaliha Ġesù kien qiegħed jirreferi diġa kienet għaddiet fil-mewt. U ftakar; Ġesù qal lit-tmiem ta' din id-dinja ħażina għandu jiġi qabel dik il-ġenerazzjoni tkun għaddiet fil-mewt. Dan, fih innifsu, jgħidilna lis-snin li baqa' qabel it-tmiem imbassar ma jistgħux ikunu ħafna" (*AWAKE, Ottubru 8, 1968).*

**Punti li wieħed għandu jinnota**:

1. Jekk dan hu l-każ, allura dak li qal Ġesù hawn ma għandu ebda relevanza għan-nies li semgħuh. Mill-kuntest, katastrofu kbir kellu jiġi għall-ġenerazzjoni jew nisel preżenti fejn naqraw,

   "*Biex jiġi fuqkom id-demm....*" (Mattew 23: 35);

"*Tassew ngħidilkom, Għad jiġu dawn il-ħwejjeġ kollha fuq dan in-nisel*" (Mattew 23: 36);

"*Ara, darkom tibqagħlkom ħerba*" (Mattew 23:38).

2. Bruce jinnota, "jekk in-nisel taż-żmien tat-tmiem kien intenzjonat, '*dak* in-nisel' jew '*dik* il-ġenerazzjoni' kienet tkun mod naturali aktar li tirreferi għalih milli '*dan* in-nisel'" (pp. 226-227). Il-lingwa hija ċara, hija "**dan** in-nisel" u mhux "**dak** in-nisel" jew ġenerazzjoni jew ġene-razzjonijiet fil-futur imbiegħed.

- Biex jaħarbu mill-limitu definit taż-żmien impo-nut minn Mattew 24:34, oħrajn ippruvaw biex jargumentaw li l-espressjoni "sa ma jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha", tfisser li mal-qirda ta' Ġerusalem il-ħwejjeġ f'dan il-kapitlu *bdew* li jkunu mwetqa u ma jsirux għal kollox qabel ma tasal it-Tieni Miġja ta' Kristu. Il-frażi "sa ma jseħħu" ma tistax tkun interpretata li tfisser, "jibdew biex iseħħu." Il-frażi tfisser "li jsiru, ji-ġru, jitwetqu." L-istess espressjoni tinsab f'Mat-tew 24:6 u 5:18. Il-vers ma jgħidx, "*xi wħud* minn dawn il-ħwejjeġ," imma pjuttost, "*dawn il-ħwejjeġ kollha.*" Il-kliem ta' Ġesù jelimina kull xorta ta' teorija ta' twettiq parzjali, bidu, jew doppju dwar versi 4 sa 33. Minn dan wie-ħed jista' jara u jifhem aktar għaliex l-Iskrittura Mqaddsa hija mimlija bi twissijiet dwar profeti u għalliema foloz u biex ma nħallu lil ħadd iqar-

raq bina (Mattew 24:24; Efesin 5:6; 2 Tessalonikin 2:3; 1 Timotju 4:1-2; eċċ.).

## ĠRAJJIET LOKALI HUMA INKONSIDERAZZJONI

**Mattew 24:16**,

> "*Imbagħad ħalli jaħarbu dawk li jkunu fil-Lhudija għall-muntanji.*"

**Mistoqsija**: Hija t-Tieni Miġja ta' Kristu illimitata għal-Lhudija biss?

**Punti li wieħed għandu jinnota:**

1. U għaliex għandu Ġesù jgħid lid-dixxipli Tiegħu biex jaħarbu mill-miġja Tiegħu? Għandhom il-Kristjani jaħarbu minn Ġesù meta Hu jerġa' jiġi? L-Ispirtu s-Santu jgħid, permezz ta' Ġwanni:

   > "*Maħbubin, issa aħna wlied Alla, u għadu ma deherx x'sa nkunu: imma nafu li, meta jidher, aħna nkunu bħalu; għax narawh kif inhu. U kull bniedem li għandu dit-tama fih għandu jissaffa, bħalma hu safi Kristu*" (1 Ġwanni 3: 2-3).

2. Ovvjament, dawn il-versi qegħdin jiddeskrivu ġudizzju fiżiku fuq il-belt ta' Ġerusalem, ġudizzju li jkun illimitat biss għal ċertu reġjun ġeografiku, u li l-ħajja fuq din l-art tkompli sejra wara li dan l-ġudizzju jkun waqa'. F'kuntrast, fit-Tieni Miġja ta' Kristu l-art tkun meqruda (2 Pietru 3:9-10), u aħna

niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru biex "hekk inkunu Miegħu GĦAL DEJJEM" (1 Tessalonikin 4:17).

- Diffikulta maġġura għall-pożizzjoni Premillenjali hija t-talba tal-Premillenjalisti li l-Kristjani kollha jkunu rrapinati (imneħħija mill-art b'miġ-ja sigrieta u kwieta ta' Ġesù), qabel "it-tribulaz-zjoni l-kbira. Madankollu, Mattew 24 fih struzz-jonijiet lill-Kristjani biex jaħarbu ħalli jevitaw din it-tribulazzjoni. Jekk japplikaw Mattew 24 għat-teorija tagħhom tat-Tieni Miġja, huma jko-llhom il-Kristjani li jintqal lilhom biex jaħarbu, meta skond it-teorija tagħhom stess ma jkun hemm ebda Kristjani biex jaħarbu!

***Mattew 24:19***,

> "*U jaħasra għan-nisa tqal, u għal dawk li jreddgħu f'dawk il-jiem!*"

Din ir-riferenza għal nisa tqal u ommijiet li jreddgħu hija prova li din mhijiex it-Tieni Miġja ta' Kristu. X'ikun ta' żvantaġġ li tkun tqila meta jerġa' jiġi Ġesù? Imma li tkun tqila jew li jkollok tfal żgħar ikun tfixkil serju f'li tipprova taħrab matul il-qirda ta' Ġerusalem.

***Mattew 24:20***,

> "*Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa, lanqas nhar ta' Sibt.*"

Ir-riferenza għall-Jum tas-Sabbath hija prova oħra liż-"żmien" meta dawn il-versi jkunu mwetqa jkun meta ħafna jkunu għadhom qegħdin iħarsu l-Jum tas-Sibt,

sal-punt li dan ifixkel severament l-ivvjaġġar f'dak il-jum. Ukoll, il-bibien tal-belt ikunu magħluqa f'dak il-jum (ara Neħemija 13:18-21). Dan ifixkel biss il-ħarba fil-Palestina *u mhux fi bliet oħra wkoll*!

## IL-MISTOQSIJA TAD-DIXXIPLI

It-tempju mibni matul il-jiem ta' Erodi għamel impressjoni mhux ħażin fuq id-dixxipli. Naqraw f'Mattew 24:1,

> "*...u resqu lejh id-dixxipli tiegħu biex juruh il-bini tat-tempju.*"

**F'Mark 13:1**, naqraw.

> "*Mgħallem, ara x'ġebel kbir u x'bini kbir hawn!*"

Imbagħad naqraw **f'Mattew 24:2**,

> "*U qalilhom Ġesù: Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx.*"

Ġesù fisser biex jimpressjoni fuq moħħhom li Hu kien qiegħed jitkellem dwar it-tempju li huma kienu qegħdin jammiraw. Il-versi ta' wara (Mattew 24:3-33), għandhom ikunu magħqudin mal-qirda tat-tempju li kien wieqaf meta Ġesù qal dan il-kliem. Għalhekk, aħna għandna nirriġettaw kull talba jew stqarrija li dawn il-versi japp-likaw għall-qirda ta' tempju li għad irid jinbena fil-futur f'Ġerusalem. Ġesù qal,

> "*Ma titħalliex* ***hawn*** *ġebla fuq oħra, li ma tiġ-ġarrafx.*"

Din il-profezija kienet imwettqa letteralment fis-sena 70 W.K . u magħha kienet imwettqa l-profezija ta' Danjel tas-sebgħin ġimgħa wkoll u mhux kif jgħallmu l-Millen-jalisti! Tant dan kien imwettaq bil-għaqal li Josephus, l-istoriku Lhudi ikkommenta hekk,

> "Ma kien baqa' xejn biex iġiegħel lil dawk li ġew hemm wara ħalli jemmnu li dak il-post qatt kien abitat."

- Hawn għandna problema oħra għall-Premillenjali-sti, illi, li japplikaw dawn il-versi għat-Tieni Miġja Ta' Kristu jkun jitlob il-kostruzzjoni ta' tempju ieħor, u madankollu, *dan ma jkunx it-tempju lid-dixxipli kienu qegħdin jammiraw*! Dan ikun temp-ju differenti għal kollox!

***Mattew 24:3***,

> "*...Għidilna, meta jiġru dawn il-ħwej-jeġ?*

Id-dixxipli għamlu din il-mistoqsija mhux biex ikunu ja-fu meta se jiġi t-tmiem tad-dinja imma dwar il-ħwejjeġ li Ġesù kien għadu kif semma, jiġifieri, il-qirda tat-tempju.

***Mattew 24:3***,

> "*...u x'ikun is-sinjal tal-miġja Tiegħ-ek.*"

***Luqa 21:7*** naqraw,

> "*...U x'sinjal ikun hemm meta dan ikun sa jiġri?*"

Hawn tqum problema oħra għall-Premillenjalisti: Il-kelma "miġja" hawn hija "*Parousia,*" il-kelma li huma jistqarru li tirriferixxi għar-"rapiment" (miġja sigrieta u silenzjuża ta' Ġesù għall-Kristjani biss). Biex ikunu konsistenti, il-Premillenjalisti u dawk kollha li jgħallmu dan it-tagħlim falz, huma għandhom jemmnu li dawn il-ġrajjiet kollha jiġru qabel ir-rapiment, imma l-premillen-jaliżmu għandu l-Kristjani mneħħija minn fuq l-art qabel it-tribulazzjoni l-kbira u għandu r-rapiment li jiġri matul il-ħajja tal-paċi. Dawn il-versi għandhom il-Kristjani jaħarbu mit-tribulazzjoni, u dawn il-ħwejjeġ kollha jiġru matul żminijiet perikolużi.

***Mattew 24:3***,

"*...u tat-tmiem taż-żmien?*"

"Tmiem," komplut, temma, għeluq, it-tmiem ta' dan iż-żmien preżenti" (Arndt p. 792). "Żmien," problema maġ-ġura li jkollok lid-dixxipli jistaqsu dwar "it-Tieni Miġja" hija li huma lanqas biss saħansitra ma huma kienu daħħlu f'moħħhom li Ġesù kien se jitlaq! (Ara Mattew 16:21-22; Luqa 18:31-34; 19:11; Ġwanni 14:5; 16:17-18; 20:9; Mark 16:14). Il-kelma "żmien" (interpretata wkoll "dinja"), tista' sempliċiment tfisser parti ta' żmien. Għal dawn id-dixxipli, il-qirda tat-Tempju f'moħħhom tista' tkun it-tmiem ta' l-epoka Lhudija jew id-dinja Lhudija kif huma kienu jafuha.

## X'MHUMIEX IS-SINJALI

Tajjeb ta' min jinnota li llum qiegħed jintqal lin-nies lit-tmiem huwa qrib minħabba "s-sinjali" li ġejjin.

U madankollu, Ġesù speċifikament qal—dawn mhu-miex is-sinjali!

1. *Għalliema foloz* (Mattew 24:4-5): Josephus jikteb li l-gvernatur tal-Lhudija (Feliċ: 53-60 W.K.), poġġa għall-mewt ħafna imposturi li bdew igħidu li kienu l-Messija.

   > "U issa dawn l-imposturi u ngannaturi ipperswadew lill-folla biex jimxu war-ajhom fid-deżert u jippretendu li huma juru u jagħmlu għeġubijiet u sinjali" (*Ant. Of The Jews,* Book 20, 8, pp. 5-6).

2. *Gwerer u xnigħat ta' gwerer* (Mattew 24:6). Matul il-ħajja ta' Ġesù kien hemm paċi fl-Imperu, imma ftit wara mewtu, il-Palestina u l-Imperu esprejenzaw ġlied u ħafna irvellijiet. F'Ruma, erba' imperaturi waslu għal mewta vjolenti f'perjodu ta' 18-il xahar. Rewwi-xti Lhud saru fil-ħakma ta' Klawdju (41-54 W.K. u Neruni (55-68 W.K.). Matul dawn is-snin il-Partjani kienu sors kontinwu ta' inkwiet għal Ruma.

   ***Mattew 24:6*** – "*...Iżda għad mhux it-tmiem.*" Imma kemm ta' spiss jintqal lin-nies li ħwejjeġ bħal dawn huma prova lit-tmiem huwa qrib? Għalhekk l-għażla tagħna, bħala Kristjani, hija bejn dak li jgħid Alla u dak li jgħidu huma, kif qal Ġesù f'Mattew 15:4-5, "*Alla qal, ... imma intom tgħidu.*" Li kieku kellu jkun hawn illum Ġesù, kien igħid preċiżament l-istess kliem: "Alla qal "Iżda għad mhux it-tmiem" imma intom tgħidu "lit-tmiem wasal"!

3. *Ġuħ u theżhiż* (Mattew 24:7). "Ġuħ." Meta wieħed jaqra Atti 11:28, dan isib twettiq tal-kliem tal-Mulej. Hawn naqraw:

> "*Wieħed minnhom, jismu Agabu, kellu sinjal mill-Ispirtu, u qam iħabbar* ***li kien se jaqa' ġuħ kbir fuq l-art kollha. Dan seħħ tabil-ħaqq*** *fi żmien l-imperatur Klawdju.*"

Hemm imniżżla erba' ġrajjiet ta' ġuħ kbir li saru bejn is-snin 41-54 W.K. u ħafna theżhiż huwa msemmi bħala li ġara qabel is-sena 70 W.K. Theżhiż jew terremot laqat lil Kreta, Smirna, Miletus, Kios, Samos, Laodikija, Hiera-polis, Kolossae, Ruma, Lhudija. Imma Ġesù jgħid li:

> "*Dawn kollha huma l-bidu tal-weġgħat*" (Mattew 24:8),

> "*Araw li ħadd ma jqarraq bikom*" (Mattew 24:4).

Għalhekk, tħalli lil ħadd iqarraq bik **bl-ebda mod**! (2 Tessalonikin 2:3; Kolossin 2:8; Efesin 6:6; 1 Ġwanni 3:7).

# DAN IN-NISEL MA JGĦADDIX
## (Mattew 24:34)
## (It-Tieni Parti)

L-istorja tal-knisja hija mimlija b'eżempji ta' "profeti" sensazzjonali li jiġbdu l-attenzjoni pubblika bit-talba tagħhom li huma jafu ż-żmien tat-tieni miġja tal-Mulej Ġesù Kristu. William Miller, fundatur tal-movi-ment Avventisti, ħabbar li Kristu kellu jiġi fis-sena 1843; meta dik it-tbassira falliet, kienet magħmula reviżjoni u d-data kinet impoġġija fis-sena 1844. Dik "il-profezija" wkoll kienet prova oħra ta'

falliment. Joseph Smith, Jr., tal-Mormoni, għallem li Kristu kellu jiġi mhux aktar tard mis-sena 1891, imma falla wkoll. C.T. Russell, fundatur ta' l-organizzazzjoni tat-Torri ta' l-Għassa, tax-Xhieda Ta' Ġeħovah, iddikjara lit-Tieni Miġja tista' tiġri fis-sena 1914. Għal darb' oħra, falliment totali! Wieħed mill-aktar ħabbara riċenti kien Hal Lindsey, awtur tal-ktieb popolari, *The Late Planet Earth*. Hu argumenta lis-"sinjali" ta' Mattew 24 jindikaw jew juru li Ġesù jiġi lura fid-dinja għal madwar is-sena 1988.

Lindsey wasal għal din il-konklużjoni billi ssuġġerixxa li "n-nisel" jew "ġenerazzjoni li ra t-twelid mill-ġdid ta' Iżrael (1948) għandu wkoll jesperjenza r-ritorn viżibbli tal-Mulej. Billi ġenerazzjoi għandha tkun madwar erbgħin sena, Lindsey bassar li Kristu jiġi lura biex jeffettwa r-"rapiment" (ħsieb jew idea mingħajr ebda appoġġ bibliku) f'madwar is-sena 1988. Hu wkoll ikkonkluda li billi r-rapiment ikun segwit bi "tribulazzjoni" ta' perjodu ta' seba' snin, Ġesù għandu jidher f'mod *viżibbli* għal madwar is-sena 1995, f'liema punt il-Mulej vittorjożament jikkonkludi "l-Battalja ta' Armagedon," u b'hekk jispiċċa l-ħakma Tiegħu ta' elf sena fid-dinja. (Jiena qiegħed nipprepara dan l-istudju fis-sena 2002. Ara wkoll l-istudju "il-Battalja ta' Armagedon u l-Bibbja,"

## IL-MANJIERA

Il-prova allegata għall-ktieb jew rakkont li l-Mulej jerġa' jiġi fl-għaxar snin li jmiss jew bejn wieħed u

ieħor hekk jintqal, tinsab kif imsemmi fuq, f'Mattew, kapitlu 24.

Kif Kristu tbiegħed minn Ġerusalem (Mattew 24:1, 2), id-dixxipli Tiegħu ġibdu l-attenzjoni Tiegħu għall-bini tat-Tempju. Il-Mulej imbagħad staqsa:

> "*Tarawx dawn il-ħwejjeġ kollha? Tassew ngħidilkom: Ma titħalliex hawn ġebla fuq oħra, li ma tiġġarrafx*" (Mattew 24:2).

Ovvjament, is-Salvatur tkellem dwar dik il-qirda tal-biża' ta' Ġerusalem, li tkun imwettqa xi erbgħin sena wara kif ir-Rumani ħarbtu l-belt il-qaddisa.

Kif huma qagħdu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, id-dixxipli staqsew lill-Mulej meta "dawn il-ħwejjeġ" jiġru, u x'se jkun "is-sinjal" tal-miġja Tiegħu, u t-tmiem tad-dinja (vers 3). Huma setgħu assumenw li l-qirda tat-tempju, u t-tmiem tad-dinja, kellhom jiġru fl-istess żmien. Jekk dan kien il-każ, Ġesù fittex li jikkorrieġi l-fehma żbaljata tagħhom. Il-priedka ta' l-Għolja taż-Żebbuġ hija maqsuma f'żewġ sezzjojijiet maġġuri: l-ewwel, Ġesù ittratta mal-qirda fil-qrib ta' Ġerusalem, u "s-sinjali" li jħabbru dik il-ġrajja (Mattew 24:4-24); it-tieni, Ġesù tkellem dwar ir-ritorn finali Tiegħu, u n-nuqqas ta' sinjali li jikkaratterizzaw dik l-okkażjoni (versi 35-42).

Hija tabilħaqq traġedja ta' niket kbir li spekulaturi isteriċi fuq il-profezija tal-Bibbja jieħdu dawk "is-sinjali," li għandhom x'jaqsmu mal-qirda ta' Ġerusalem l-antika, u jippruvaw li jagħtuhom applikazzjoni moderna fil-kuntest ta' Armagedon nukleari! [Innota: Hu

l-istess żbaljat li tallega li Mattew 24 kollu jirreferi għall-qirda ta' Ġerusalem, kif huwa argumentat mill-proponenti tad-"Dottrina Max King"].

## IS-SINJALI

Is-sinjali li semma l-Mulej jinsab u f'Mattew 24:4-14. Aħna m'aħniex sejrin niddiskutuhom kollha f'dan l-istudju, imma huwa biżżejjed li ngħidu li kull wieħ-ed minnhom kien imwettaq fil-medda ta' erbgħin sena bejn iż-żmien tad-diskors tal-Mulej, u l-qirda ta' Ġer-usalem fis-sena 70 W.K.

Li nixtieq nuri f'dan l-istudju b'mod konklussiv hu-wa sempliċiment lis-"sinjali" ta' Mattew 24:4-14 ma jistgħux isibu t-twettiq tagħhom fit-tieni u l-aħħar mi-ġja ta' Kristu. Hemm erba' argumenti qawwija li juru lis-sinjali msemmija hawn jirrelataw għall-qirda ta' Ġerusalem fis-sena 70 W.K.

*L-ewwel*, f'dak il-vers kbir li jimmarka "l-qasma kontinentali" tal-kapitlu, Ġesù qal ċar ħafna:

> "*Tassew ngħidilkom: Dan in-nisel (ġe-nerazzjoni) ma jgħaddix, sama jseħħu dawn il-ħwejjeġ kollha*" (Mattew 24: 34).

L-espressjoni "*dawn il-ħwejjeġ kollha*" tirreferi għas-sinjali li ta l-Mulej. U "*dawn il-ħwejjeġ kollha*"—is-sinjali—kellhom ikunu mwettqa qabel ma "*dan in-nisel*" jew ġenerazzjoni, jgħaddi. Il-mistoqsija hija—*x'inhi t-tifsira ta' "dan in-nisel"*? Id-dispensazzjonali-sti jħobbu jgħidu li "nisel" jew ġenerazzjoni għandha referenza għal "razza," għalhekk, din sempliċiment

hija allużjoni għar-razza Lhudija. Mela l-Mulej kien qiegħed jindika li dawn is-sinjali jkunu mwettqa waqt lir-razza Lhudija kienet qed tkun *ippriservata* (*The Scofield ReferenceBible*). Imma l-Mulej qal "nisel" u mhux "razza"!!

Veduta bħal din ta' "nisel," iżda, hija f'nuqqas ta' qbil ma' l-użu ta' dik il-kelma fit-Testment il-Ġdid. Fid-dizzjunarju tagħhom, tal-Grieg, Arndt u Gingrich jikkummentaw li *genea* ("nisel" jew "ġenerazzjoni") tirreferi bażikament għat-"total kollu ta' dawk imwiel-da fl-istess żmien imkabbar biex jinkludu lil dawk ko-llha li jgħixu f'ġenerazzjoni, kontemporanji ta' żmien mogħti" (William Arndt & F.W. Gingrich, *Greek-English Lexicon of the New Testament* (Chicago Uni-versity of Chicago, 1967), p. 153). Imma aħna rridu li l-Iskrittura tinterpreta lilha nfisha u ħadd aktar. Għalhekk ejja ħalluha tinterpretalna t-tifsira tal-kelma "nisel." Stħarriġ ta' bosta passaġġi fil-Vanġelu ta' Mattew malajr jikkonferma dan:

- **Mattew 11:16** – "*Imma lil dan* ***in-nisel*** *ma' min inxebbħu? Jixbaħ lit-tfal bil-qiegħda fis-swieq, u jgħajtu lil sħabhom.*"
- **Mattew 12:39** – "*Imma hu wieġeb u qalilhom:* ***Nisel*** *ħażin u żieni jfittex sinjal; u l-ebda sinjal ma jingħatalu, ħlief is-sinjal ta' Ġona l-profeta.*"
- **Mattew 12:41-42** – "*L-irġiel ta' Ninwè għad iqu-mu f'jum il-ħaqq ma'* ***dan in-nisel****, u jikkundan-nawh: għax nidmu bix-xandir ta' Ġona; u, ara, wieħed akbar minn Ġona qiegħed hawn. Is-sul-tana tan-nofsinhar tqum f'jum il-ħaqq ma'*

***dan in-nisel**, u tikkundannah: għax hi ġiet mill-aħħar truf tad-dinja biex tisma' għerf Salamun; u, ara, hawn wieħed akbar minn Salamun.*"

- **Mattew 12:45** – "*Imbagħad imur, u jieħu miegħu seba' spirti oħra eħżen minnu nnifsu u jidħlu u jgħammru hemm; u l-aħħar qagħda ta' dak il-bnie-dem tkun agħar mill-ewwel waħda. Hekk ikun ukoll lil **dan in-nisel** ħażin.*"

Biċ-ċar, mela, is-sinjali tal-lezzjoni ta' l-Għolja taż-Żebbuġ kienu illimitati għall-ewwel seklu.

*It-tieni*, għalkemm Lindsey u oħrajn li għandhom l-istess ideat żbaljati jgħidu lid-deskrizzjoni ta' Mattew 24 tissuġġerixxi konflitt nukleari internazzjonali tas-seklu għoxrin, konsiderazzjonijiet kontestwali jirrivelaw li l-Mulej biċ-ċar kellu riferenza għal sitwazzjoni antika lokali. Is-seklu għoxrin għadda sewwa u xejn ma ġara minn dak kollu li kien imbassar minn dawk il-profeti u għalliema foloz.

Imma ħalli nikkunsidraw il-fatturi li ġejjin:

1. Kristu speċifika ċar li l-qirda li kienet ġejja kellha tinvolvi l-qasam l-antik tat-tempju ("il-lok imqaddes"—Mattew 24:15), u l-belt ta' Ġerusalem (Luqa 21:20-24).

2. Id-dixxipli tal-Lhudija kienu mwissija biex "*jaħarbu għall-muntanji*" (Mattew 24:16)—stuzzjonijiet li bilkemm jidhru relevanti fi żmien ta' attakk nukleari jew atomiku! Iżda, skond ix-xhieda ta' l-istoriku Ewsebju, il-Kristjani, qabel l-invażjoni ta' Ġerusalem, ħarbu lejn Pella fil-Lvant tax-Xmara Gordan u b'hekk kienu meħlusa mid-destin tal-Lhud.

3. Il-Mulej wissa: "*U dak li jkun fuq il-bejt ħalli ma jinżilx biex jieħu xi ħaġa minn daru*" (Mattew 24:17). Għal darb'oħra, struzzjoni bħal din bilkemm tkun tidher addattata li kieku l-ħsieb kien ta' *assalt nukleari* modern. Imma dan jagħmel sens perfett meta wieħed iħares lejn il-fatt lid-djar ta' Ġerusalem l-antika kellhom soqfa ċatti u kienu bejt ma' bejt. Għalhekk, il-Kristjani kienu jistgħu jmorru jew jgħaddu matul "it-triq tas-soqfa," għat-tarf tal-belt u jaħarbu (ara Alfred Adershein, *Sketches of Jewish Social Life*, Grand Rapids: Erdmans, 1957, p. 93).

4. It-twiddiba, "*Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx fix-xitwa,...*" (v. 20a) tantiċipa kondizzjonijiet primittivi meta li wieħed jivvjaġġa jkun diffiċli, u,

5. "*Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tkunx...lanqas nhar ta' Sibt*" (v. 20b) tqis il-fatt li l-bibien tal-belt l-antika jkunu magħluqa fis-Sibt (ara Neħemija 13:18-21), fatt naturalment ma nkisibx wara l-qirda ta' Ġeru-salem.

*It-tielet*, l-illustrazzjonijiet intordotti minn Ġesù biex jassiguraw li wieħed ikun ippreparat għat-tieni miġja Tiegħu jeskludu l-possibbiltà li sinjali jkunu mogħtija biex jiddeterminaw iż-żmien ta' dik il-ġrajja. F'numru ta' illustrazzjonijiet storiċi ċari u qawwija, il-Mulej iddikjara li ebda indikaturi ta' żmien ma jkunu mogħtija ħalli jagħtu sinjal tar-ritorn tiegħu; pjuttost, il-jum tal-ġudizzju jaqbad lin-nies mingħajr ma jkunu jafu. Innota:

1. Kif in-nies fiżmien Noè komplew fin-negozji *tagħhom "sal-jum*" li ġie d-dilluvju, "***hekk ukoll** tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem*" (Mattew 24:38-39).

2. In-nies ta' Sodoma l-antika ma kellhom l-ebda ħsieb dwar id-diżastru li kien hemm jistennihom sa "*dak in-nhar stess li Lot ħareġ minn Sodoma,*" ukoll "***hekk ikun** fil-jum li fih juri ruħu Bin il-bniedem*" (Luqa 17:28-30).

3. Kristu ddikjara li Hu jiġi fi żmien mhux misten-ni, saħansitra kif jagħmel ħalliel.

> "*Iżda kunu afu dan: Li kieku sid id-dar kien jaf f'liema saħra kellu jiġi l-ħal-liel, kien jishar, u ma kienx iħalli daru tinfetaħ. Għalhekk intom ukoll kunu mhejjijin: għax fis-siegħa li ma taħsbux fiha jiġi Bin il-bniedem*" (Mattew 24: 43-44).

"*Intom ukoll*" tapplika għalina wkoll! Pawlu jgħid l-istess ħaġa fl-Ewwel Tessalonikin 5:1-3,

> "*Imma fuq iż-żmien u l-ħin, ħuti, m'għandkomx bżonn niktbilkom. Għax intom stess tafu sewwa li jum il-Mulej jasal bħal ħalliel bil-lejl. Għax meta jgħidu: Sliem u sigurtà; imbagħad **f'daqqa waħda jiġi** fuqhom it-telfien, bħall-uġigħ ta' mara fil-ħlas; u ma je-ħilsux.*"

Pietru jgħidu wkoll dan:

> "*Imma bħal ħalliel bil-lejl jasal jum il-Mulej; meta s-smewwiet igħibu b'ħoss kbir, u l-elementi maħruqin jinħallu bi sħana kbira, u l-art u l-egħmejjel ukoll li fiha jinħarqu*" (2 Pietru 3:10).

4. Il-parabbola tax-xebbiet f'Mattew 25 ċertament li tgħallem il-lezzjoni li għandna nkunu ppreparati l-ħin kollu, għaliex l-għarus jiġi fl-aktar ħin mhux mistenni [nofs-il-lejl—ħin l-aktar ta' sorpriża għal tieġ].

Ma hemm xejn f'Mattew 24 li jagħti xi appoġġ għat-teorija li Kristu ta sinjali li għandhom iħabbru t-tmiem tad-dinja.

*Ir-raba'*, wieħed mill-punti l-aktar li jipperswadu li juri li l-Mulej ma ta l-ebda sinjali li bihom it-tmiem taż-żmien jista' jkun ikkalkulat hija l-affermazzjoni ta' vers 36:

> "*Imma dak il-jum u dik is-siegħa ma jafhom ebda bniedem, le, lanqas l-anġli tas-sema, u lanqas l-Iben; ħlief il-Missier **waħdu***" (ara wkoll Mark 13:32-37).

L-argument hu li jeqred għal kollox: għalkemm Ġesù ta s-sinjali ta' Mattew 24:4-14, lanqas saħansitra Hu stess (bħala bniedem) ma kien jaf iż-żmien u l-ħin meta kellha tkun it-tieni miġja Tiegħu. Jiena nemmen li Alla kien jaf kif il-bnedmin kienu sejrin jinterpretaw il-Kelma Tiegħu fil-futur dwar dan is-suġġett u għal-hekk qal dan il-kliem fil-Kelma Tiegħu biex juri li l-ebda bniedem, **lanqas** Bin il-bniedem innifsu ma jista' jkun jafu dan! Għalhekk, huwa ovvju lis-sinjali ta' dan il-kapitlu f'Mattew ma jistgħu bl-

ebda mod ik-unu applikati ħalli jkun ikkalkulat iż-żmien u l-ħin tat-tieni miġja tal-Mulej! Ma jidhirx stramb li "profeti" moderni jistgħu jaqraw Mattew 24, u jbassru ż-żmien tat-tmiem tad-dinja jew żmien; meta lanqas saħansitra Dak li qal dan il-messaġġ ma kien jista' jasal għal din il-konklużjoni? Trid tkun tassew pružuntuż (u minn dawn hawn ħafna) li tgħid li inti taf iż-żmien meta Ġesù, *bħala bniedem*, qal li ma kienx jafu dan! Imma wieħed dan jistennih mill-bnedmin għaliex il-Kelma ta' Alla twissina dwar dan għal bosta drabi (aqra 1 Timotju 4:1, 2; 2 Tessalonikin 2:1-3; eċċ.).

Ma hemm ebda sinjali dwar it-tmiem tad-dinja. Ħalli aħna lkoll nirsistu, mela, ħalli dejjem inkunu ippreparati għall-miġja tal-Mulej, jew għall-mewt, liema waħda tkun l-ewwel u ħalli nagħtu wieden għat-twissija tal-Kelma ta' Alla li tgħid,

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux*" (Efesin 5:6).

## ATTI, KAPITLU TLIETA
## (It-Tielet Parti)

- **Versi 1-10** – Fejqan tal-magħtub. Tagħlima: Vers 6

> "*Fidda u deheb ma għandix. Imma dak li għandi se nagħtihulek.*"

X'kellu Pietru? – Setgħa li jfejjaq.

**Luqa 9:1,**

> "*Sejjaħ lit-tnax madwaru u tahom qawwa u setgħa fuq ix-xjaten kollha u li jfejqu l-mard.*"

- **Versi 11-16** – "*Nies ta' Iżrael*" (v. 12) – il-Lhud. Akkuża ta' tradiment – Versi 13-14 – "*Intom.*"
- **Vers 17** – "*Għaliex ma kontux tafu.*" L-injoranza tagħhom kienet bażi għas-sejħa għalihom biex jindmu.

  **Atti 17:30,**

  > "*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarrafhom li* ***kulħadd għandu jindem hu fejn hu****.*"

- **Vers 19** – Pawlu kien mistoqsi:

  > "*Nistgħu nkunu nafu x'inhu dan it-tagħlim ġdid li qiegħed tgħallem?*"

  **Ġwanni 15:22** – Ġesù dwar il-Lhud:

  > "*Kieku ma ġejtx u ma kellimthomx, ma kienx ikollhom ħtija; imma issa ma għandhomx skuża ta' dnubhom.*"

- **Vers 18,**

*"Imma b'hekk Alla* ***temm*** *dak li kien ħabbar sa minn qabel b'fomm il-profeti, jiġifieri li l-Messija kellu jbati."*

**Atti 13:27,**

*"In-nies ta' Ġerusalem u l-kapijiet tagħhom ma għarfux lil Ġesù, u anqas ma fehmu kliem il-profeti li jinqraw kull nhar ta' Sibt; madankollu TEMMEWHOM huma stess billi ikkundannawh għall-mewt."*

**Atti 13:29,**

*"U meta TEMMEW DAK KOLLU LI KIEN MIKTUB FUQU, niżżluh missalib u qegħduh f'qabar."*

**Atti 13:32-33,**

*"U għalhekk aħna qegħdin hawn biex nagħtukom il-bxara t-tajba, il-wegħda, li Alla kien għamel lil missirijietna, TEMMHA għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet..."*

**Atti 26:22-23** – Pawlu quddiem il-Lhud u l-Ġentili.

*"Bil-għajnuna li kelli mingħand Alla jien bqajt sa dan il-jum nixhed liż-żgħar u lill-kbar, u ma ngħidx ħaġ'oħra ħlief dak li* ***l-profeti u Mosè qalu li kellu jsir****, jiġifieri, li l-Messija kellu jbati u jkun l-ewwel wieħed li jqum*

*mill-imwiet u jħabbar id-dawl* ***kemm lill-poplu ta' Iżrael u kemm lill-Ġentili****.*"

**Lhud 9:12,**

"*Hu daħal* ***darba għal dejjem*** *fis-santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, U HEKK KISEB FIDWA GĦAL DEJJEM.*"

Ma hemm ebda mod ieħor ta' fidwa! Il-fidwa kienet miksuba GĦAL DEJJEM u dan sar permezz tat-tixrid tad-demm ta' Kristu.

**Rumani 3:21-24,**

"*Issa l-ġustizzja ta' Alla deħret mingħajr il-liġi, għad li l-liġi* ***u l-profeti jixhdu għaliha****. U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla* ***jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu*** *LIL DAWK LI JEMMNU* ***bla ma jagħżel bejniethom****. Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħdu mill-glorja ta' Alla' għalhekk ISSA huma jkunu iġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn rajh* ***permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù****.*"

**F'vers 9** għandna mistoqsija u tweġiba:

"*Mela x'ingħidu? Aħna l-Lhud aħjar mill-oħrajn? B'EBDA MOD. Ġa wrej-*

*na li sew il-Lhud kemm il-Griegi huma lkoll taħt il-ħakma tad-dnub.*"

**Rumani 10:12,**

"***Ma hemmx għażla*** *bejn Lhudi u Grieg; Alla hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk kollha li jsejħulu.*"

Dwar il-Lhud — **Rumani 11:23,**

"*Huma wkoll jerġgħu jitlaqqmu* ***jekk ma jibqgħux ma jemmnux*** *(kondizzjoni); għax Alla għandu l-qawwa li jerġa' jlaqqamhom.*"

**Rumani 11:26,**

"***U hekk*** *Iżrael kollu jkun salv.*"

Kif?

"*Jekk ma jibqgħux ma jemmnux.*"

"Jekk." Dan ifisser li jkun hemm min jibqa' ma jemmnix! Mela mhux ikunu salvi bħala poplu, kollu kemm hu!

- **Vers 19,**

"*Indmu,* ***mela****, u erġgħu lura minn dnubietkom* ***biex jinħafrulkom****.*"

**Rumani 11:23,**

"*...Jekk ma jibqgħux ma jemmnux...*"

**Atti 17:30,**

*"...issa għarrafhom **li kulħadd** għandu jindem, hu fejn hu."*

**Luqa 13:5,**

*"Le, ngħidilkom; imma **jekk ma tindmux**, ILKOLL tintilfu xorta waħda."*

Ġesù Nnifsu qal lil-Lhud li **LKOLL jintilfu JEKK ma jindmux!**

**Luqa 24:44,**

*"...Jeħtieġ li jseħħ KULL MA NKITEB FUQI fil-Liġi ta' Mosè, fil-profeti u fis-salmi."*

**Ġwanni 17:4**

*"Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi TEMMEJT ix-xogħol li tajtni nagħmel."*

- **Vers 19-22,**

*"Hekk jiġu **ŻMINIJIET** ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù,...li s-sema għandu **jilqgħu saż-ŻMINIJIET it-tiġdid ta' kollox** li qal Alla **b'fomm il-profeti qaddisa KOLLHA tiegħu minn mindu bdiet id-dinja**"*

Hawn wieħed għandu jkun attent għal xi verżjonijiet tal-Bibbja li huma żbaljati fit-traduzzjoni tagħhom tal-kelma "**ŻMINIJIET**." F'dawn il-versi

aħna għandna l-kelma "żminijiet" **u mhux** "żmien." Ħalli nħallu l-Bibbja tinterpretalna dan:

**Lhud 9:26,**

> "*Li kieku kien ikollu jbati ta' spiss mit-tisjis tad-dinja; iżda issa deher darba* ***fl-aħħar taż-żminijiet*** *biex iħassar id-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu.*"

**1 Timotju 4:1** – Twissija mill-Ispirtu s-Santu:

> "*L-Ispirtu jgħidha ċar li* ***fl-aħħar żminijiet*** *xi wħud jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten.*"

**F'Atti 3:19-20** aħna għandna l-kelma "żminijiet" fil-plural u mhux "żmien" kif insibuha fil-verżjoni T.B.S. Xi jfisser dan?

> "*Is-sema għandu jilqgħu saż-żminijiet it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha...*"

Dan il-vers ma jgħidx "meta l-ħwejjeġ kollha ***jibdew*** jiġġeddu." Imma jgħid "saż-żminijiet **it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha**." Il-ħwejjeġ kollha mhumiex imġedda qabel it-tmiem.

"Żminijiet ta' tiġdid" ġejja mill-kelma Griega "*apokatastaseos*." Din hija kelma doppja magħmula minn: "*apo*," "*kata*," u "*histemi*." Din il-kelma hija wżata hawn biss fit-Testment il-Ġdid. Din tfisser tiġdid jew restawrazzjoni kompluta. L-ewwel miġja ta' Kristu immarkat **il-bidu** tal-perjodu tat-tiġdid jew restawrazzjoni. It-tieni miġja ta' Kristu timmarka **t-tmiem ta' dak il-perjodu.** Ma hemm **ebda perjodu ieħor ta' elf sena** wara t-tieni miġja ta'

Kristu. Jekk Kristu (jerġa') jiġi elf sena qabel it-tmiem, Hu jiġi qabel iż-żmien għal xi ħwejjeġ li jkunu mġedda. Imma dan il-vers igħid li s-sema għandu jżomm lil Kristu fih **"saż-żminijiet it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha."** Meta Kristu jerġa' jiġi **ma jkun baqa' XEJN x'jiġġedded!**

Mela l-elf sena ta' rivelazzjoni jekk ifissru kollox ċertament ma jfissrux ħakma **fuq l-art** ta' Kristu għal elf sena. Aħna llum qegħdin ngħixu **fiż-żminijiet ta' tiġdid**" li dwarhom tkellmu l-**profeti kollha. Dawn bdew bit-tbatija ta' Kristu f'vers 18, u jispiċċaw bil-miġja Tiegħu kif murija f'vers 21.** Ix-xogħol ta' tiġdid huwa għaddej **ISSA.**

- **Versi 23,**

> "*U jiġri li kull min ma jismax minn dan il-profeta (Kristu) JINQERED MINN QALB IL-POPLU. U L-PROFETI KOLLHA, ibda minn Samwel u dawk li ġew warajh, ILKOLL tkellmu u ħabbru dawn il-jiem.*"

Biex l-Ispirtu s-Santu jkisser it-tagħlim falz tal-profeti u għalliema foloz moderni dwar il-millennju jgħidilna permezz ta' l-appostlu Pietru,

> "*Hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għalissa* ***għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid ta' kollox*** *li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti*

*qaddisa kollha tiegħu minn mindu bdiet id-dinja*" (Atti 3:20-21).

Qabel inkompli nixtieq niġbed l-attenzjoni ta' min jaqra dan l-istudju li fil-verżjonijiet tal-Malti, tal-Bibbja, wieħed għandu joqgħod attent dwar kif jinqraw dawn il-versi. Żewġ verżjonijiet minnhom (T.B.S. u B.S.), minflok "żminijiet" (vers 20), fil-plural, dawn iġibu "żmien," fis-singular, li tagħmel differenza kbira fit-tifsira tagħha. Ukoll, il-verżjoni Għ.B.M., minflok "sa ma jseħħ it-tiġdid *ta' kollox*" iġib "sa ma jseħħ it-tiġdid *kollu*" li hija traduzzjoni ħażina wkoll. Kulma wieħed għandu jagħmel jekk jiddubita dwar dak li qiegħed ngħid jien, dan jaqbad il-Grieg u jqabbel miegħu. Ukoll, f'vers 20 tal-verżjoni Għaqda Biblika Maltija nsibu l-kelma "għalissa," jiġifieri, fejn jgħid:

"*li **għalissa** għandu jibqa' fis-sema sa ma...*"

Il-kelma "għalissa" mhix fl-oriġinal imma hija miżjuda u b'hekk tibdel is-sens kollu.

Mela, x'inhu jgħidilna l-Ispirtu s-Santu hawn? Qiegħed jgħidilna li Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema **sa ma jseħħ** "*it-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*" li hija traduzzjoni aktar eżatta.

Il-millenjalisti jgħallmu b'mod żbaljat għal kollox li "ż-żmien" tat-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha" jibda b'millennju meta Kristu jerġa' jiġi. Imma hawn aħna għandna "*żminijiet*" u mhux "*żmien.*" Kont tafu dan jew le? Jekk int kont temmen it-tagħlim żbaljat

tal-millenjalisti, issa li taf, lest int li twarrbu dak it-tagħlim?

Imma dawn il-versi, miktuba b'ispirazzjoni mill-Ispirtu s-Santu, ma jgħidux li Kristu għandu jibqa' fis-sema sa ma *l-ħwejjeġ kollha* ***jibdew*** *ikunu mġedda jew irrestawrati*. Dawn jgħidu "iż-żminijiet" (plural) tat-tiġdid "tal-ħwejjeġ kollha" (plural), **mhux** "żmien ta' elf sena"! Dan Ġesù li hawn huwa mwiegħed li jiġi lura għandu **jibqa' fis-sema** *sa ma "l-****ħwejjeġ kollha*** *jkunu mġedda.*"

1. Pietru qal lil-Lhud li dan Ġesù li huma kienu sallbu tela' lura fis-sema, u li issa s-sema għandha tirċevih u żżommu sakemm jerġa' jiġi.
2. Il-Messija għandu **jsaltan** fuq il-poplu ta' Alla sakemm jerġa' jiġi.
3. "Żminijiet tat-tiġdid" ġejja mill-Grieg, "apokatas-taseos," u hija kelma ta' għaqda doppja magħ-mula minn, "apo," "kata," u "ħistemi," u hija wżata hawn biss fit-Testment il-Ġdid.
   a. Din hija terminu tekniku mediku, u tfisser tiġdid komplut għas-saħħa.
4. **L-ewwel miġja mmarkat <u>il-bidu</u> tal-perjodu tat-tiġdid, it-tieni miġja timmarka <u>t-tmiem</u> ta' dak il-perjodu**.
5. Kemm huwa differenti t-tagħlim ta' l-Ispirtu s-Santu mit-tagħlim tal-profeti u l-għalliema foloz!
6. Il-profeziji nkludew it-tnejn, kemm l-ewwel miġja u kemm it-tieni miġja ta' Kristu, u għalhekk inkludew il-perjodu magħruf bħala "*t-tiġdid tal-ħwejjeġ kollha*" ***li aħna ninsabu fih***.

7. Skond il-Kelma ta' Alla, Kristu ma jistax jiġi qabel mal-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda u dan ma jħalli ebda lok għal-saltna ta' elf sena fuq l-art inkella l-Ispirtu s-Santu kien żbaljat meta nebbaħ lil Pietru biex jgħid dan il-kliem!
8. Aħna qegħdin ngħixu "fiż-żminijiet tat-tiġdid" *issa*.
   a. Is-silta ma tgħidx li Kristu għandu jiġi meta ż-żminijiet tat-tiġdid ***jibdew***.
   b. Din tgħid sewwasew l-oppost.
   c. L-appostlu Pawlu jgħid f'Galatin 4:4-7:

      *"Iżda meta **waslet il-milja taż-żminijiet**, Alla bagħat 'il Ibnu, imwieled minn mara, imwieled taħt il-liġi, biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied. U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba! Missier! U hekk mintix iżjed ilsir, iżda iben: u jekk iben, werriet ukoll permezz ta' Alla."*
9. "Il-milja taż-żminijiet waslet" u tispiċċa meta Kristu jerġa' jiġi!
10. Ġesù Kristu għandu jibqa' fis-sema ***sa ma*** l-ħwejjeġ kollha jkunu mġedda.
11. It-tieni miġja ta' Kristu timmarka t-tmiem, mhux il-bidu, taż-"żminijiet tat-tiġdid."
12. Iva, iż-żminijiet tat-tiġdid jinsabu fil-proċess ***issa***, u jispiċċaw meta "l-ħwejjeġ kollha" jkunu

kompluti fix-"xogħol ta' fidwa" fil-miġja ta' Kristu.

13. L-appostlu Pawlu jgħidilna:

> "*Għalhekk aħna ma nagħarfu lil ħadd skond il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skond il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk*" (2 Korintin 5:16).

Imma skond il-millenjalisti hemm elf sena oħra li fihom aħna nagħrfu lil Kristu skond il-ġisem! Imma aħna naċċettaw il-kliem ispirat li "*issa ma nagħrfuhx aktar hekk*."

# IL-KTIEB TA' RIVELAZZJONI

## A.

1. Rivelazzjoni: Jitkellem dwar taqbida bejn Alla u Satana, bejn it-tajjeb u l-ħażin.
2. Indirizzat lill-Kristjani ta' l-ewwel seklu imma t-tagħlim u l-prinċipji tiegħu japplikaw għaż-żminijiet kollha.
   a. Eżempju ta' dan huwa dak li naqraw fit-tieni parti ta' Rivelazzjoni 2:10, "*Ibqa' fidil sal mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.*"
      i. Dan il-kliem intqal lill-knisja ta' Smirna, imma t-tagħlima tapplika għalina wkoll.
      ii. Imma dak li jintqal qabel, jiġifieri, f'vers 9 u l-ewwel parti ta' vers 10, ċertament mhux qiegħed jintqal għalina: "*Jien naf it-taħbit u l-faqar tiegħek, għad li inti għani; u naf kemm jinfamawk* ***dawk li jgħidu li huma Lhud mingħajr ma huma****, meta huma sinagoga tax-Xitan. Tibżax minn dak li se jkollox issofri; ara, id-demonju se jixħet 'il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta' taħbit...*" (Riv. 2:9-10). (Dawn il-Lhud ukoll kienu fil-knisja ta' Filadelfja (Riv. 3:9).
      iii. Lill-Knisja ta' Efesu jintqal: "*Iżda favur tiegħek, għandek li inti tobgħod l-opri tad-dixxipli ta' Nikola...*" (Riv. 2:6).
      iv. Illum "il-Lhud li kienu qegħdin jinfamaw" lill-knisja ta' Smirna mhumiex hawn magħna u dak Nikola u d-dixxipli tiegħu mhumiex hawn magħna, imma għalkemm dan il-

kliem intqal lill-knisja ta' Efesu u ta' Smirna fil-prinċipju japplika għalina wkoll!

v. Lill-knisja ta' Pergamu intqal dan il-kliem: "*...Imma għadek iżżomm sħiħ ma' ismi u ma ċħadtx il-fidi tiegħek fija,* ***anqas f'dawk il-jiem li fihom Antipa,*** *ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom, fejn joqgħod ix-Xitan.*" (Riv. 2:13).

vi. Ċertament li Antipa m'għadux hawn magħna llum għaliexkien maqtul **fosthom**. Dan il-kliem mhux qiegħed jintqal lilna imma l-prinċipji tiegħu japplikaw għalina wkoll!

vii. Lill-knisja ta' Tijatira ntqal: "*Iżda kontra tiegħek għandi li int lil Ġeżabel, il-mara li tirdha ta' profetissa, qiegħed tħalliha tgħallem u tqarraq bil-qadejja tiegħi...*" (Riv. 2: 20).

viii. Għalkemm dan il-kliem intqal direttament lill-knisja ta' Tijatira, il-prinċipji li jinsabu fih japplikaw għalina. ħafna qegħdin illum ikunu mqarrqa b'tagħlim falz minn għalliema foloz!

ix. Lill-knisja ta' Sardi jintqal hekk: "*...Madankollu f'Sardi għandek ftit uħud li ma tebbgħux ilbieshom...*" (Riv. 2:4).

x. U lill-knisja ta' Laodikija jintqal: "I***nt tgħid****, "Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn," bla ma taf li l-imsejken huwa int, ta' min jitħassrek, fqir, agħma u għarwien.*" (Riv. 3:17).

b. Dawn il-Kristjani kollha kienu qegħdin ibatu ħafna persekuzzjonijiet.
c. Il-persekuzzjoni kienet ġejja minn Satana u s-segwaċi tiegħu.

3. Wieħed għandu jżomm f'moħħu li l-letteratura apokalittika tgħallem **permezz tas-simboli.**
   a. Il-qofol li tinterpreta xi lingwa figurattiva, inkluż lingwa simbolika, mhuwiex li tittrattaha "letteralment," imma pjuttost li tittrattaha **b'mod normali**.
   b. Fi kliem ieħor, li tittrattaha bħala lingwa figurattiva.
   c. Eżempji ta' dan insibuhom matul il-Bibbja kollha:
      i. Ġesù qal: "Jiena hu l-bieb" (Ġwanni 10:9).
      ii. Ġesù qal: "Jiena d-dielja vera" (Ġwanni 15:1-8).
      iii. Ġesù qal: "Jiena hu t-triq..." (Ġwanni 14:6).
      iv. Ġesù jintqal fl-Iskrittura li Hu: "l-ġebla tax-xewka" (Luqa 20:17; Atti 4: 11; 1 Pietru 2:6, 7).
      v. Ġwanni l-Battista sejjaħ lil Ġesù bħala: "il-Ħaruf ta' Alla" (Ġwanni 1: 29).
   d. Aħna nagħrfu li Ġesù ma kienx qiegħed igħid li Hu kien bieb biċ-ċappetti mwaħħal mal-ħajt.
   e. Lanqas ma kien żokk ta' dielja jew triq bit-tarmak jew ġebla letterali.

f. Dwar dawn ħadd ma għandu xi diffikultà u kulħadd jaqbel li huma simboliċi.
g. Pjuttost aħna nieħdu l-kiem ta' Ġesù **b'mod normali**.
h. Aħna nagħrfu li Ġesù kien qiegħed juża lingwa figurattiva biex jenfasizza li Hu huwa l-uniku mezz ta' dħul għas-salvazzjoni.

4. Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni spiss jispjega t-tifsira tas-simboli.

a. Eżempji: **Riv. 1:20** – "*Il-misterju tas-seba' kwiekeb li int rajt f'idi l-lemi-nija, u tas-seba' kandelabri tad-deheb. Is-seba' kwiekeb* ***huma*** *l-anġli tas-seba' knejjes: u s-seba' kandelabri li rajt* ***huma*** *s-seba' knejjes.*"
b. **Riv. 4:5; 5:6, 8** – "*U madwar it-tron kien hemm erbgħa u għoxrin tron oħra: u fuq l-erbgħa u għoxrin tron rajt erbgħa u għoxrin xiħ bil-qiegħda, lebsin ilbiesi bojod; u kellhom fuq rashom kuruni tad-deheb... U ħarist, u, ara, bejn it-tron u l-erba' kreaturi ħajjin, u fost ix-xjuħ, kien hemm wieqaf Ħaruf qisu maqtul, li kellu sebat iqrun u seba' għajnejn,* ***li huma*** *s-seba' Spirti ta' Alla mibgħutin fl-art kollha... U meta ħa l-ktieb, l-erba' kreaturi ħajjin u l-erbgħa u għoxrin xiħ inxteħtu quddiem il-Ħaruf, kull wieħed minnhom kellu ċetri, u bwieqi tad-deheb mimlijin bil-fwejjaħ,* ***li huma*** *t-talb tal-qaddisin.*"
c. **Riv. 12:3, 9** – "*U deher sinjal ieħor fis-sema; u, ara, dragun kbir aħmar, li kellu sebat irjus*

*u għaxart iqrun, u seba' kuruni fuq irjusu...u ġie mwaddab id-dragun il-kbir,* ***dak*** *is-serp il-qadim,* ***li jismu*** *Xitan u Satana, li jqarraq bid-dinja kollha; kien imwaddab barra fuq l-art, u l-anġli tiegħu ntefgħu barra miegħu.*"

*d.* **Riv. 17:9, 12, 15, 18** – "*Hawn trid il-għerf. Is-sebat irjus* ***huma*** *seba' muntanji, li fuqhom qiegħda l-mara...U l-għaxar qrun li inti rajt* ***huma*** *għaxar slaten, li għadhom ma ħadux is-saltna; iżda jieħdu s-setgħa bħal slaten għal siegħa waħda flimkien mal-bhima...U qalli: L-ilmijiet li tara, fejn hi qiegħda l-mara tad-dnub,* ***huma*** *popli, u ġemgħat ta' nies, u ġnus u ilsna...U l-mara li int rajt* ***hi*** *dik il-belt il-kbira, li ssaltna fuq is-salten ta' l-art.*"

*e.* **Riv. 19:8** – "*U lilha kien mogħti li tiżżejjen b'għażel fin, nadif u abjad: għax il-għażel fin* ***hu*** *l-egħmejjel tajba tal-qaddisin.*"

*f.* **Riv. 20:14** – "*U l-mewt u mkien l-imwiet kienu mitfugħin fil-għadira tan-nar.* ***Din hi*** *t-tieni mewt.*"

*g.* Dan jenfasizza l-ħsieb li ħafna mill-ktieb, jekk mhux il-ktieb kollu, m'għandux ikun meħud **letteralment**.

**B.**

1. Li kieku wieħed jaqra bil-għaqal, u mingħajr ebda preġudizzju, l-ewwel vers ta' Rivelazzjoni:
   a. Ħafna mit-tagħlim falz u perikoluż jiġi mwarrab bla ebda diffikultà,

b. **Rivelazzjoni 1:1** igħid hekk: "*Ir-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu li tah Alla, biex juri lil ilsira tiegħu ħwejjeġ li **għandhom jiġru dalwaqt**...*"
   i. l-kelma "**Għandhom**" hija traduzzjoni tal-kelma Griega ***dei***, li hija verb impersonali Grieg li jinvolvi neċessità morali.
   ii. Ġesù uża din il-kelma meta Hu wera li "*Hu **jaħtieġlu** jmur Ġerusalem, u jbati ħafna ħwejjeġ...*" (Mattew 16:21).

ċ. Ukoll, il-kelma Griega tradotta "**dalwaqt**" tfisser "malajr" jew "bla telf ta' żmien."
   i. Jekk forsi xi ħadd igħid li din il-kelma tinsab fl-ewwel vers u għalhekk ma tapplikax għall-ktieb kollu, dan ikun żbaljat għal kollox.
   ii. L-Ispirtu s-Santu ħaseb biex jagħti tweġiba għal dan ukoll. Hu kien jaf li fiż-żminijiet ta' wara jkun hemm ħafna tagħlim falz.
   iii. L-istess kelma, anzi, aktar minn hekk, l-istess sentenza li naqraw fl-ewwel vers insibuha irripetuta fl-aħħar kapitlu, kapitlu 22, vers 6:
   iv. **Riv. 22:6** – "*U qalli: Dal-kliem **hu żgur u minnu**: u l-Mulej Alla tal-profeti qaddisa bagħat l-anġlu tiegħu biex igħarraf lill-ilsiera tiegħu **l-ħwejjeġ li għandhom jiġru malajr**.*"
   v. Hawn l-Ispirtu s-Santu irripeta l-istess kliem ta' vers wieħed.

vi. X'taħsbu li kien l-iskop ta' dan?
vii. Dan kien biex iġib fix-xejn it-tagħlim falz tal-millenjalisti!

2. Il-Ktieb ta' Rivelazzjoni mhuwiex primarjament miktub biex igħid dwar ġrajjiet li kellhom jiġru eluf ta' snin fil-futur.
   a. Dan Alla qiegħed igħidu u mhux jien, fil-kelma Tiegħu!
   b. Alla qal: "***ħwejjeġ li għandhom jiġru ma-lajr***."
   c. Il-profeti foloz igħidu: "***ħwejjeġ li għand-hom jiġru eluf ta' snin wara fil-futur***"
   d. Diġa għaddew aktar minn elfejn sena!

3. L-interpretazzjoni li l-elf sena huma fil-futur hija żbaljata għal kollox għaliex din ftit li xejn jista' jkollha xi messaġġ għall-Kristjani li kienu qegħdin jiġu ippersegwitati fl-ewwel sena!
   e. Immaġina li inti qiegħed fi tbatija kbira issa u xi ħadd igħidlek li hu "jifhem it-tbatija tie-għek, imma jridek li tkun taf li **elf sena minn issa**, Alla jagħmel kollox sewwa, fuq l-art!"
   f. Għall-Kristjani ta' l-ewwel seklu kliem bħal dan ma jkun fih ebda faraġ!
   g. Alla ma qalx hekk fil-Kelma Tiegħu. Il-bned-min iħawdu l-Kelma ta' Alla!

4. Mela, f'Rivelazzjoni 1:1, l-Ispirtu s-Santu qal li l-Ktieb ta' Rivelazzjoni jgħid dwar "**il-ħwejjeġ li għandhom jiġru dalwaqt...**"
   a. Il-kuntest ikompli jfisser dan il-kliem meta f'vers 3 naqraw: "għax iż-żmien **hu fil-qrib**."

b. Ċertament li "***għandhom jiġru dalwaqt***" u "***ż-żmien hu fil-qrib***" huma spjega biżżejjed għal kull min irid jifhem il-Ktieb ta' Rivelazzjoni!
c. Dan il-kliem juri kemm huwa żball kbir li tgħallem li eluf ta' snin wara minn meta ntqal dan il-kliem, Kristu se jiġi hawn fuq l-art u jsaltan għal elf sena oħra!
d. KRISTU QIEGĦED ISALTNA **ISSA!**
*e.* L-Ispirtu s-Santu jgħidilna, permezz ta' l-appostlu Pawlu: "*Inwissik biex tħares il-liġi u żżomm ruħek bla tebgħa u bla ħtija sa jum id-dehra ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad juriha f'waqtha. Dak li hu l-hieni u waħdu setgħani,* ***is-Sultan tas-slaten u Sid is-sidien***." (1 Timotju 6:14-16. Ara wkoll Rivelazzjoni 19:11-16)
*f.* Jekk Kristu Hu "***Sultan tas-slaten***" ċertament li Hu Sultan u qiegħed isaltan **issa** u mhux qiegħed jistenna biex isaltan għal elf sena fuq l-art!

## KONKLUŻJONI

Aħna, mela, jekk irridu li nifhmu sewwa l-Ktieb ta' Rivelazzjoni, għandha nżommu f'moħħna li dak li jintqal fih huwa miktub primarjament għall-Kristjani ta' l-ewwel seklu u li l-ħwejjeġ imsemmija fih kellhom "***jiġru dalwaqt,***" jiġifieri, fiż-żmien ta' dawk il-Kristjani, is-seba' knejjes imsemmija!

Jekk aħna nistudjaw il-Ktieb ta' Rivelazzjoni mingħajr dan il-ħsieb, allura nistgħu naċċettaw kull tagħ-

lim falz li jintqal mill-profeti u l-għalliema foloz tal-lum! L-Ispirtu s-Santu jwissina:

> "*Qisu li ħadd ma jassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skond dak li hu ġej mill-bndemin; skond il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.... Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha ta' l-umli u taparsi jqim lil l-anġli, jimla rasu bil-viżjonijiet u moħħu bil-frugħat ta' bniedem li hu.*" (Kolos-sin 2:8, 18).

U jgħid ukoll:

> "*Tħallux 'il min iqarraq bikom **b'ebda mod!...***" (2 Tessalonikin 2:3).

U jkompli jwissina fejn igħid:

> "*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel il-korla t'Alla fuq dawk li ma jisimgħux.*"